MALTA FOOTBALL ASSOCIATION 6



TENNIS 29



SNOOKER 38



Nru. 130 Jannar 2018

# SPORTIV



## Uffiċjali tal-MFA fis-Summit t

**Kompetizzjoni**
Irbaħ €25 voucher ma' Teamsport


5 YEAR WARRANTY
The new Opel
CROSSLAND X
THE FOUNDRY
MAIN ENTRANCE
F GG 9021
Starting From
€ 17,500*
IT'S A GOOD LIFE
*T&Cs Apply
THE FUTURE IS EVERYONE'S

# Jannar 2018



Jesmond Moore
*Editur*

Bdejna sena ġdida peró l-kampjonati rispettivi jinsabu fl-eqqel tagħhom.

Il-Kampjonat BOV Premier qed jifformalizza lilu nnifsu f'taqtiegħa bejn żewġ timijiet hekk kif Balzan u Valletta bħal donnhom qed jinqatgħu għalihom bl-isfida għat-tielet post, li jfisser il-biljett għall-kompetizzjoni tal-UEFA Europa League, tista' tkun missielta bejn erba' timijiet.

Fil-Kampjonat BOV tal-Ewwel Diviżjoni, it-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu tinsab bejn tliet timijiet, b'Qormi jillidjaw il-klassifika.

Fil-Kampjonat BOV tat-Tieni Diviżjoni, erba' punti biss qed jifirdu lill-ewwel erba' timijiet u għaldaqstant l-isfida hija waħda mill-aktar interessanti.

Fil-Kampjonat BOV tat-Tielet Diviżjoni, il-leaders Mellieħa u St Venera Lightnings jinsabu ħames punti fuq kulħadd.

Sadanittant Floriana rebħu l-ewwel unur tal-istaġun - Is-Super Cup - meta fil-finali għelbu lil Hibernians bl-iskor minimu ta' 1-0.







TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ is-Super Cup li huwa l-ewwel unur tal-istaġun?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2018:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 129 hija:*
**Fir-Russja**

*Ir-rebbieħ huwa: A. Portelli - Iklin*



i

Click
inewsmalta.com

immedjat | informattiv | investigattiv

iNEWS MALTA




**SPORTIV**
**Magażin Sportiv ta' kull xahar**

Ħarġa nru.
# 130

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
UnionPrint Co. Ltd
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi
Christine Borg
Dominic Borg
Tonio Magro
Walter Sargent

**Cover**
Il-president tal-MFA, Norman Darmanin Demajo u l-viċi-president Matthew Paris waqt is-Summit tal-FIFA ... jidhru flimkien ma' Bjorn Vassallo (direttur tal-assoċjazzonijiet Ewropej tal-FIFA) u l-president tal-FIFA, Gianni Infantino

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal L-ORIZZONT u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.





# Werrej

**6 MFA**
Uffiċjali tal-MFA jattendu għas-Summit tal-FIFA

**16 Super Cup**
Floriana għat-tieni darba

**18 Premier**
Balzan jibqgħu jillidjaw ... segwiti minn Valletta

**22 L-Ewwel Diviżjoni**
Taqtiegħa bejn tliet timijiet?

**23 It-Tieni Diviżjoni**
Żewġ punti biss jifirdu lill-ewwel erba' timijiet

**24 It-Tielet Diviżjoni**
Mellieħa u St Venera L. jillidjaw il-klassifika

**25 Posters**
Naxxar Lions
Senglea Athletics
Tarxien Rainbows
Real Madrid

**29 Tennis**
Matthew Asciak jirbaħ għall-ħames darba

**30 SportMalta & MFA**
Identity Malta qed taħdem mal-MFA bħala parti mir-" Reaching Out Campaign"

**34 Qari tal-Ktieb**
Bil-Qari u l-Kitba Niskorja

**36 Weightlifting**
Tiġi organizzata l-attività ta' premjazzjoni għas-sena 2017

**38 Snooker**
Rimonta inkredibbli tagħti t-titlu lil Neil Robertson

**40 Gozo Sport**
Kampjonat triangulari tal-atletika

**42 MEUSAC**
Naħdmu għal iktar integrità fl-Isport

**44 Storja tal-Football Malti**
Freddie Mizzi jinforma lill-kumitat ta' Hibs li kien se jieqaf għall-istaġun

**46 Tisliba/Spotball**

**mfa.com.mt**

# Uffiċjali tal-Malta Football Association

## jattendu għas-Summit tal-FIFA f'Amsterdam





Il-programm "FIFA Forward", il-futur tal-kompetizzjonijiet taż-żgħażagħ u tan-nisa kif ukoll l-opportunitá li jitjiebu s-sistemi tat-transferimenti u l-kalendarju internazzjonali kienu wħud mit-temi diskussi waqt il-ħames laqgħa tal-Eżekuttiv tal-FIFA li saret fil-belt Olandiża ta' Amsterdam, f'nofs dan ix-xahar.

Rappreżentanti mill-Konfederazzjoni tal-Football Asjatika (AFC), il-Konfederazzjoni tal-Amerika ta' Fuq, Ċentrali u tal-Karibew (CONCACAF) u l-Assoċjazzjoni Ewropea (UEFA) iltaqgħu f'din il-belt sabiex jiddiskutu l-esperjenzi tagħhom u joħorġu b'ideat ġodda biex il-logħba tal-football tibqa' taġġorna lilha nnifisha mażżminijiet tal-lum.

Dan is-summit ta l-opportunitá lid-delegati ta' kull assoċjazzjoni biex jaqsmu flimkien dak li jafu u jikkordinaw sabiex joħorġu b'ideat ġodda.

L-assoċjazzjoni Maltija tal-Football (MFA) kienet rappreżentata mill-President, Norman Darmanin Demajo, u l-viċi-president, Dr Matthew Paris. Preżenti wkoll kien hemm l-ex segretarju ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo, li llum jokkupa l-irwol ta' direttur talassoċjazzjonijiet membri Ewropej fi ħdan il-FIFA.

Is-Sur Darmanin Demajo ppreżenta diversi proġetti li saru mill-MFA bl-għajnuna tal-FIFA bil-programm tagħha li qed tniedi.

Dawn kienu jinkludu l-wiċċ ġdid tal-Istadium Nazzjonali, l-installazzjoni ta' art ġdida fis-Centenary Stadium u t-Trophies Lounge li huwa wieħed mill-proġetti biex jagħtu ħajja ġdida lill-Millennium Stand.

Meta nieda dawn is-sensiliet ta' laqgħat f'Pariġi, f'Novembru 2016, il-President tal-FIFA Gianni Infantino qal li din il-logħba sabiħa tal-football tista' tkompli tiżviluppa jekk din l-assoċjazzjoni dinjija tikkopera filwaqt li tikkomunika mal-211 membru fi ħdanha.

"Huwa mportanti li fil-futur iddeċiżjonijiet tal-FIFA ma jkunux iddettati minn fuq iżda jiġu millmembri li jorganizzaw u jagħtu promozzjoni f'pajjiżhom minn żmien għal żmien."

Is-summit li sar f'Amsterdam kien il-ħames minn sensiela ta' 12-il laqgħa li ser ikunu qed isiru bejn l-2017 u l-2018. Il-laqgħat l-oħra saru fl-Azerbaijan, fit-Turkija, fi New Caledonia u f'Hong Kong.

Dawn kienu l-membri fi ħdan il-FIFA li attendew għal dan il-ħames summit eżekuttiv fil-belt Olandiża:

L-Iran, Kyrgystan, Myanmar, Singapore, Sri Lanka, Anguilla, Aruba, Curacao, Surinam, l-Awstrija, il-Kroazja, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Italja, Liechtenstein, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, L-Isvizzera, Wales u l-Armenja.

# Ir-rappreżentant tal-MFA

## fl-Italja jiltaqa' mal-Papa Franġisku




**Mauro Di Lello** jippreżenta lill-Kap tal-Knisja Kattolika żewġ flokkijiet tat-team nazzjonali

Żewġ flokkijiet tat-team nazzjonali Malti kienu fost l-għotjiet li rċieva l-Papa Franġisku waqt l-udjenzi li kellu fi żmien il-Milied ġewwa l-Vatikan.

Mauro Di Lello, l-ex player ta' Pietà Hotspurs, Floriana u Sliema Wanderers li huwa r-rappreżentant tal-Malta Football Association fl-Italja, ippreżenta l-flokkijiet lill-Papa Franġisku f'isem il-President tal-Malta Football Association, Norman Darmanin Demajo.

Di Lello, li jikkoordina l-uffiċċju tal-MFA f'Ruma ma' www.mfa.com.mt, iddeskriva din l-esperjenza bħala waħda memorabbli.

"Il-Papa Franġisku laqagħni tajjeb ħafna u kien ta' pjaċir għalija li f'isem l-MFA iltqajt miegħu," qal Di Lello.

"F'isem il-President, Norman Darmanin Demajo, ippreżentajtlu ż-żewġ verżjonijiet tal-flokk uffiċjali tat-team nazzjonali Malti.

"Il-Papa esprima l-gratitudni tiegħu u tbissem hekk kif huwa dilettant tal-football u partitarju kbir tal-club Arġentin ta' San Lorenzo".

"Huwa bierek ukoll iż-żewġ flokkijiet filwaqt li ffirma l-flokk l-abjad.

"M'hijiex xi ħaġa ta' kuljum li tiġik l-opportunitá li tiltaqa' ma' dak li probabbilment huwa l-aktar persuna mportanti u influwenti fid-dinja," tenna Di Lello li l-ewwel kuntatt tiegħu mal-football Malti kien fis-sena 2002 meta kien ingħaqad bħala player ma' Pietà Hotspurs.

Di Lello kompla jgħid li sakemm daħal ħdejn il-Papa kien xi ftit eċċitat, iżda ma' l-ewwel kuntatt li kellu mal-Kap tal-Knisja Kattolika, mill-ewwel ħassu komdu b'dik it-tbissima tiegħu u fuq kollox il-konversazzjoni ma' bniedem verament umli.

"Bla dubju li kienet esperjenza li f'ħajti ma jien se ninsiha qatt. Kuntent li f'isem l-MFA u l-President Darmanin Demajo għamilna wkoll din il-preżentazzjoni lill-Papa Franġisku," temm jgħid Di Lello.



# Inawgurata t-Trophies Lounge














It-Trophies Lounge li tinsab fit-tieni sular tal-Millennium Stand tal-Istadium Nazzjonali, ġiet inawgurata uffiċjalment, qabel il-final tal-BOV Super Cup fit-13 ta' Diċembru, mill-Prim Ministru, Joseph Muscat, fil-preżenza tal-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clifton Grima.

Din is-sala hija unika fejn ser tospita segwaċi tal-football u membri fl-MFA waqt il-partiti li jintlagħbu fl-Istadium Nazzjonali f'ambjent modern u spazzjuż.

F'diskors tal-okkażjoni, Dr Muscat faħħar l-inizjattiva tal-MFA li tkompli tkabbar kif ukoll ittejjeb l-infrastruttura tagħha. Il-Prim Ministru jinsab sodisfatt bil-mentalitá pożittiva ta' din l-assoċjazzjoni fejn qed tfittex li żżid it-talent żagħżugħ biex ikollna atleti u players futuri tajbin.

Hekk kif sostna li kien sodisfatt li kien qiegħed jiftaħ uffiċjalment din is-sala, Dr Muscat saħaq li l-MFA hija waħda mill-għaqdiet li għandu ħafna għal qalbu minħabba l-ambizzjonijiet kbar li tħaddan.

Il-Prim Ministru kompla jgħid li l-MFA u l-Gvern għandhom viżjoni komuni - dik li jkomplu jtejbu l-infrastruttura tal-pajjiż sabiex il-poplu Malti jkollu faċilitajiet ta' livell li jixraqlu.

Huwa tenna li l-football jeħtieġ ikompli jimxi 'l quddiem b'investiment ċar u b'aktar parteċipazzjoni minn dawk kollha konċernati.

Dr Muscat qal li bħala partitarju tal-football, it-team nazzjonali huwa prijoritá fejn bħala gvern mhux se joqgħod lura milli jagħti opportunitajiet għal talenti Maltin li jridu jkomplu juru progress.

Meta tkellem fuq iċ-ċittadinanza, Dr Muscat ħeġġeġ lill-MFA biex tieħu vantaġġ minn din l-iskema hekk kif saħaq li din mhux se ttellef lill-atleti Maltin anzi tkompli tgħollilhom il-livell ta' kompetizzjoni.

Huwa qal li din is-sena tlesta proġett importanti li huwa aktar ta' infrastruttura umana milli dik fiżika. Dan huwa ċ-ċittadinanza tal-mertu li qed tiġi użata minn pajjiżi oħra anke minn dawk ikbar minna.

Persuni li jagħtu kontribut pożittiv lill-isport Malti, b'mod partikolari l-football, jistgħu jiġu eliġibbli li jilagħbu mat-team nazzjonali.

Il-Prim Ministru jinsab kuntent li din il-liġi għaddiet mill-Parlament u ħeġġeġ lill-MFA biex tibda tieħu l-frott minn din il-miżura.

Meta tkellem waqt din l-inawgurazzjoni, il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, qal li l-federazzjoni Maltija tal-football qed tkompli tinvesti mhux biss biex tkabbar l-infrastruttura tagħha iżda anke biex iddaħħal nies magħha li jaqsmu din il-viżjoni.

Huwa kompla jgħid li jekk jagħtu kas dawn l-ideat kollha, jinsab fiduċjuż li l-assoċjazzjoni jkollha aktar stabbiltá għall-futur u b'mod gradwali jkun hemm aktar titjib fl-isport tal-football.

Is-Sur Darmanin Demajo qal li l-infrastruttura waħedha ma taħdimx jekk ma jkunx hemm in-nies adattati li kapaċi jmexxu u jħaddmu dawn ir-riżorsi.

F'ħidma kontinwa dawn in-nies, jieħdu ħsieb u jaraw x'jista' jonqos sabiex jagħmlu l-qabża fil-kwalitá.

Huwa temm id-diskors tiegħu billi qal li l-MFA qiegħda dejjem tara li n-nies li jkunu fi ħdanha jkunu kapaċi joffru u jkomplu din il-filosofija għas-snin li ġejjin.

Wara d-diskorsi, fil-preżenza tal-President tal-MFA, il-Prim Ministru kixef il-lapida kommemorattiva biex it-Trophies Lounge ġiet miftuħa b'mod uffiċjali.



# Konfermati erba' referees u tmien assistenti fuq il-Panel tal-FIFA

Għal din is-sena, Malta se jerġa' jkollha erba' referees u tmien assistenti referees fuq il-Panel tal-FIFA.

Il-preżentazzjoni tal-FIFA badges saret waqt riċeviment tal-Milied fid-db San Antonio Hotel, Qawra, organizzat mir-Refereeing Centre fi ħdan l-MFA flimkien mal-Malta Football Referees Association (MFRA).

Il-preżentazzjoni tal-FIFA Badges saret mill-viċi-president tal-MFA, Alex Manfrè, li huwa wkoll chairman tar-Referees' Committee, fil-preżenza ta' Dr Angelo Chetcuti u Dr Matthew Paris, segretarju ġenerali u viċi-president tal-assoċjazzjoni rispettivament.

Preżenti wkoll kien hemm id-direttur tar-refereeing fi ħdan l-MFA, Kevin Azzopardi, u l-president tal-MFRA, Alexie Tabone.

L-uffiċjali Maltin fuq il-panel tal-FIFA għal din is-sena huma dawn:

**FIFA Referees:**

Trustin Farrugia Cann, Clayton Pisani, Alan Mario Sant, Fyodor Zammit

**FIFA Assistenti Referees:**

Alan Camilleri, Christopher Francalanza, Luke Portelli, Mitchell Scerri, Edward Spiteri, Jurgen Spiteri, Duncan Sultana, Roberto Vella

**FIFA Futsal Referee:**

Matthew Vella

**FIFA Beach Soccer Referees:**

Jonathan Mallia, Jude Amin Utulu

Fl-indirizz tiegħu, id-direttur tar-referees fi ħdan l-MFA, Kevin Azzopardi, esprima l-apprezzament għall-ħidma u s-sagrifiċċji li jagħmlu r-referees matul is-sena kollha, b'aċċenn partikolari lil dawk ir-referees li żammew isimhom fuq il-panel tal-FIFA.

Azzopardi qal: "Kontu ambaxxaturi eċċellenti għar-refereeing Malti u l-konferma tagħkom bħala uffiċjali tal-FIFA tirrifletti l-impenn kontinwu u l-wirjiet konsistenti tagħkom.

"Għas-sena 2018, l-opportunitajiet






għall-uffiċjali tagħna anke fix-xena internazzjonali se jkomplu jiżdiedu."

Il-UEFA għażlet lill-MFA biex f'Jannar tospita kors għall-aqwa referees tal-football fl-Ewropa, li b'hekk se jkunu għal ftit jiem f'pajjiżna qabel l-impenji tagħhom fl-edizzjoni li jmiss tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA li se ssir ir-Russja fis-sajf li ġej.

Seminar simili, din id-darba għall-assistenti referees minn madwar l-Ewropa kollha, ukoll se jsir f'Malta, f'April li ġej.

Fid-diskors tiegħu, id-direttur tar-referees fi ħdan l-MFA ħabbar ukoll li s-seminar ta' qabel l-istaġun organizzat mill-MFA għar-referees Elite se jsir il-Ġermanja, fis-sajf li ġej, filwaqt li se jissoktaw il-programmi ta' skambji ma' assoċjazzjonijiet oħrajn.

Huwa semma' wkoll l-inizjattivi kontinwi tar-Recruitment Unit u l-MFA Referees Academy bil-għan li aktar żgħażagħ jiġu mħajra jibdew karriera ta' referees.

Min-naħa tiegħu, il-president tal-MFRA, Alexie Tabone, qal il-fatt li għat-tieni sena konsekuttiva dan ir-riċeviment annwali tal-Milied ġie organizzat flimkien mar-Refereeing Centre fi ħdan l-MFA huwa riflessjoni tar-relazzjoni eċċellenti bejn iż-żewġ naħat.

Is-Sur Tabone rringrazzja lir-referees għad-dedikazzjoni tagħhom u sostna l-impenn tal-MFRA li tmexxi 'l quddiem u tipproteġi l-interessi tal-uffiċjali u l-irwol kruċjali tagħhom fil-logħba tal-football. ▮

## FOOTBALL FOR LIFE

# L-MFA tappoġġa L-Istrina




▮ Fil-perjodu tal-festi tal-Milied, il-Malta Football Association ippreżentat is-somma ta' €12,000 bħala donazzjoni lill-Malta Community Chest Fund.

Il-President Norman Darmanin Demajo, ippreżenta ċekk lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, waqt riċeviment organizzat ftit jiem qabel il-Milied, f'Villa Arrigo, in-Naxxar. Matul l-istaġun li għadda l-MFA kkontribwiet 'il fuq minn €30,000 għal diversi inizjattivi soċjali u kawżi ġusti bħala parti mill-programm Football For Life.

Sadanittant anke żgħażagħ mill-Akkademja tar-Referees taw is-sehem tagħhom b'donazzjoni għall-karità waqt logħba football fi żmien il-Milied. Dawk li ħadu sehem ġabru somma li din id-darba marret b'risq Puttinu Cares.

Grupp ta' żgħażagħ li jiffurmaw parti mill-Akkademja tar-Referees flimkien mal-uffiċjali, Paul Caruana, James Farrugia u Franco Cachia, ippreżentaw id-donazzjoni flimkien ma' flokk uffiċjali ta' referee fi żjara li huma għamlu lil Puttinu Cares, f'Rainbow Ward, tal-isptar Mater Dei, f'lejlet l-ewwel tas-sena. ▮

# Il-partitarji Maltin

## fost l-aktar b'imġieba tajba f'logħbiet mill-kompetizzjonijiet tal-UEFA




Aħbarijiet pożittivi għall-football Malti u l-ispettaturi fejn jidħol Fair Play ....

Ġie rreġistrat progress fl-imġieba tal-partitarji f'logħbiet internazzjonali, jiġifieri fil-partiti li fis-sajf il-clubs Maltin jilagħbu fil-kompetizzjonijiet Ewropej u naturalment l-imġieba tal-partitarji fil-logħbiet tat-team nazzjonali.

Il-UEFA għadha kemm ippublikat r-rankings fejn jidħol Fair Play fost il-partitarji għall-istaġun li għadda, liema statistika hija bbażata fuq l-imġieba tagħhom fil-logħbiet kollha mill-kompetizzjonijiet tal-UEFA, kemm fuq livell ta' club kif ukoll dak internazzjonali.

**L-istatistika tkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2016 u t-30 ta' Ġunju 2017.**

Il-partitarji Maltin jixirqilhom kull tifħir għall-imġieba tagħhom fil-logħbiet internazzjonali matul l-istaġun li għadda hekk kif bis-saħħa tagħhom Malta kklassifikat fit-tielet post fil-kategorija tal-UEFA għall-aħjar imġieba tal-partitarji daqs l-Iżlanda u l-Gżejjer Faroe bi 8.923 punt.

L-aktar spettaturi jew partitarji b'imġieba tajba f'logħbiet internazzjonali huma l-Finlandiżi b'total ta' 9.187, segwiti mil-Latvja b'9.117punti.

Malta tinsab fis-36 post fil-UEFA Overall Fair Play Rankings, iżda aktar sinjifikanti huwa l-fatt li l-istaġun li għadda, Malta telgħet fis-sitt post fil-lista tal-aktar pajjiżi li għamlu progress minn fost il-55 assocjazzjoni membru tal-UEFA.

Il-ħames pajjiżi qabel Malta f'din il-lista tal-aħjar progress għal Fair Play huma Georgia, Moldova, Kroazja, Latvja u Montenegro.

Dan il-progress huwa rifless ukoll fil-punteġġ tal-Fair Play miksub minn Malta – 8.079 punti fl-istaġun li għadda pparagunat ma' 7.791 punti fl-istaġun ta' qabel – 2015/16.

Fir-rankings overall tal-Fair Play fuq quddiem hemm l-Iżlanda b'8.51 punt minn total ta' 42 logħba, warajhom l-Olanda u l-Polonja.

Rikonoxximent jingħata lill-assoċjazzjonijiet bl-ogħla ranking f'dawn il-kategoriji:

1. Overall Fair Play; 2. titjieb minn staġun għall-ieħor fl-overall fair play score; 3. l-imġieba tal-ispettaturi/partitarji.

L-assoċjazzjoni rebbieħa f'kull waħda minn dawn it-tliet kategoriji tingħata premju ta' €50,000 liema somma jgawdi minnha l-club domestiku tal-għażla ta' dik l-assoċjazzjoni għall-proġetti marbuta mal-Fair Play jew proġetti oħra simili fil-komunitá.

## L-AQWA TLIETA

### OVERALL FAIR PLAY

1. Iżlanda 8.51; 2. Olanda 8.47; 3. Polonja 8.462.

### L-AQWA PROGRESS

1. Georgia 8.196; 2. Moldova 8.272; 3. Kroazja 8.248.

### IMĠIEBA TAL-PARTITARJI

1. Finlandja 9.187; 2. Latvja 9.117; 3. Iżlanda, Gżejjer Faroe, Malta 8.923.

# Atmosfera ta' solidarjetà waqt it-tournament tradizzjonali ta' Boxing Day

## It-team tal-coaches jirbaħ it-tournament fis-Centenary Stadium


© Domenic Aquilina


© Joe Borg 2017


© Domenic Aquilina

Atmosfera ta' solidarjetá u ħbiberija rrenjat matul it-tournament ta' Boxing Day li sar l-għada tal-Milied fis-Centenary Stadium.

Bħal kull sena, f'dan it-tournament ħadu sehem l-impjegati tal-Malta Football Association, membri tal-Għaqda Ġurnalisti Sports (GħĠS), membri mill-assoċjazzjoni tar-referees (MFRA) u dawk tal-assoċjazzjoni tal-coaches (MFCA)

L-għan prinċipali ta' dan it-tournament, organizzat mill-Għaqda Ġurnalisti Sport, huwa li jlaqqa' erbgħa mill-istakeholders ewlenin tal-logħba tal-football f'pajjiżna biex jiltaqgħu għal nofs ta' nhar flimkien.

Fuq kollox iservi biex anke l-familja tal-football tikkontribwixxi fis-somma finali miġbura għall-Istrina li saret proprju dakinhar stess, l-għada tal-Milied.

Numru ta' ex players internazzjonali bħal Brian Said, Alex Azzopardi u Rupert Mangion, taw is-sehem tagħhom biex għenu llt-team tal-MFCA joħroġ rebbieħ bl-aktar mod konvinċenti.

It-Team tal-MFA nkluda wkoll players li fil-passat libsu l-flokk nazzjonali, bħal Ray 'Żażu' Farrugia, Edwin Camilleri, Noel Turner u Silvio Vella.

L-ex player ta' St Andrew's, Matthew Naudi, u l-ex player ta' Hibernians, iżda fuq kollox attur popolari, Ben Camille, kienu parti mit-team tal-ġurnalisti.

Għall-kronaka, s-selezzjoni tal-MFCA rebħu l-logħbiet kollha meta għelbu lill-MFA 3-0, lill-GħĠS 4-1 u lill-MFRA 2-0.

Il-player tar-rebbieħa, Zach Tanti, kien l-aqwa skorer tat-tournament b'total ta' erba' goals.

Preżenti f'xi ħin waqt l-attività fis-Centenary Stadium kien hemm ukoll l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca, akkumpanjata minn Dr Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji.

Il-President esprimiet l-apprezzament tagħha mal-parteċipanti kollha li l-għada tal-Milied bakkru kmieni biex ukoll ikunu parti mill-kontribuzzjoni li l-poplu Malti ta biex għal sena oħra l-Istrina reġgħet kienet suċċess kbir.

**RIŻULTATI**

| | |
|---|---|
| MFA vs MFCA | 0-3 |
| GħĠS vs MFRA | 2-0 |
| GħĠS vs MFCA | 1-4 |
| MFA vs MFRA | 0-2 |
| GħĠS vs MFA | 1-4 |
| MFCA vs MFRA | 2-0 |

Klassifika: 9 punti - MFCA; 3 - MFA, MFRA, MSJA.

# Open Day għall-bniet fis-Centenary Stadium

## Avveniment organizzat mill-MFA biex jattira akar bniet lejn il-football







Atmosfera ta' entużjażmu spikkat fis-Centenary Stadium nhar il-Ħamis, 7 ta' Diċembru, meta madwar 150 studenti bniet minn skejjel primarji ħadu sehem f'Open Day.

Dan l-avveniment popolari kien organizzat mid-dipartiment tal-Grassroots & Women fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku tal-Malta Football Association, b'kollaborazzjoni ma' SportMalta u d-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni (DQSE).

L-ewwel Open Day festival għall-bniet għal dan l-istaġun 2017/18 sar f'Għawdex, f'Settembru li għadda.

Għal dan l-avveniment attendew studenti mill-iskejjel primarji ta' St Joan Antide, l-iskola primarja B tal-Fgura (Kulleġġ San Tumas Moro) u l-iskola Primarja ta' Bormla (Kulleġġ Santa Margerita).

L-attivitajiet għall-istudenti, li minnhom tmienja fil-mija biss kienu diġà marbuta ma' xi club lokali, kienu mmexxija minn coaches kwalifikati tal-MFA, coaches tal-clubs u wkoll membri tat-tim nazzjonali ta' taħt id-19-il sena.

Maria Mizzi, għalliema fl-iskola St Joan Antide, kellha kliem ta' tifħir għal din l-Open Day.

"Kien ta' gost għall-bniet," qalet is-Sinjura Mizzi. "Huma kellhom l-opportunità jipparteċipaw f'logħob differenti u attivitajiet relatati mal-

football fuq it-turf u din kienet diġà esperjenza għalihom. L-Open Day kienet pjanata tajjeb, filwaqt li l-attivitajiet kienu mhux biss pjaċevoli imma wkoll ta' sfida li minnhom it-tfal setgħu jitgħallmu."

Din l-inizjattiva hija mmirata biex tħajjar aktar bniet li mhumiex affiljati ma' xi club jibdew karriera fil-football.

L-għan tal-MFA huwa li tkattar l-entużjażmu fost il-bniet bejn is-6 u l-11-il sena filwaqt li tressaqhom lejn il-clubs lokali biex iżżid in-numru ta' bniet fin-nurseries lokali.

L-MFA tat T-shirt lill-parteċipanti kollha, filwaqt li l-clubs lokali qasmu informazzjoni u dettalji dwar ix-xogħol tagħhom fil-football tan-nisa sabiex jattiraw aktar bniet.

L-MFA rringrazzjat lill-iskejjel tal-parteċipazzjoni tagħhom, id-DQSE, SportMalta, il-coaches, il-players u l-voluntiera għall-kooperazzjoni u l-parteċipazzjoni tagħhom biex jilħqu l-għan li jkun żviluppat il-football tan-nisa.

L-Open Day Festival li jmiss ser isir fit-8 ta' Marzu.

Għal aktar dettalji relatati ma' dawn il-festivals jew dettalji dwar il-football tan-nisa, wieħed jista' jżur il-paġna ta' Facebook, MFA Women's Football, jew permezz tal-email: girlsfestivals@mfa.com.mt

# L-MFA torganizza b'suċċess tournament għal nisa 'l fuq minn 35 sena



Matul ix-xahar ta' Diċembru, il-Malta Football Association organizzat l-ewwel tournament għal players nisa li għandhom 'il fuq minn 35 sena.

Dan it-tournament ta' ġurnata kien immirat lejn dawk in-nisa li jew temmew il-karriera kif ukoll dawk li għadhom attivi ma' wieħed mill-clubs lokali fil-Kampjonat BOV tan-Nisa.

Fost il-parteċipanti għal dan it-tournament fil-ground tal-Imtarfa kien hemm anke tliet nisa li huma ġenituri.

Filwaqt li l-għan prinċipali ta' dan it-tournament kien li jinġabru flus għal Puttinu Cares, l-avveniment offra wkoll l-opportunità lill-parteċipanti li jerġgħu jiltaqgħu fl-ambjent tal-football.

L-ex player, Marcia Zammit, tenniet l-apprezzament tagħha għal din l-istedina biex tieħu sehem f'dan l-ewwel tournament għal players nisa ta' 'l fuq minn 35 sena.

Hi qalet: "Vera ħadt gost mhux biss li pparteċipajt, iżda fuq kollox għall-atmosfera ferriħija li kien hemm bejnietna.

"Nirringrazzja lill-MFA għal din l-opportunità u nittama li 'l quddiem ikun hemm inizjattivi simili biex ex-players bħalna nibqgħu attivi".

Sadanittant is-suċċess f'dan it-tournament kompla ħeġġeġ lis-settur tan-nisa fi ħdan l-MFA għal aktar inizjattivi ta' dan it-tip hekk kif diġà hemm il-ħsieb li xi tournament simili jiġi organizzat fiż-żmien li ġej.

Fost dawk li ħadu sehem kien hemm anke l-player ta' Fgura United, Jackie Abdilla, li qalet li inizjattiva bħal din iġġib ħafna ħbieb flimkien: "Avveniment bħal dan jagħtina ċ-ċans li nżommu kuntatt bejnietna."

Fost nisa oħra li ħadu sehem kien hemm anke Claire Ciantar Piccinino li qatt qabel f'ħajjitha ma lagħbet football.

Għall-ewwel hija kienet indeċiża jekk tilgħabx jew le, iżda fl-aħħar mill-aħħar ma dddispjaċihiex, anzi, hassitha ferm kuntenta li kienet parti minn din iċ-ċelebrazzjoni f'atmosfera festiva.

ritratti: Christine Borg, Dominic Borg

# Floriana għat-tieni darba

**Hibernians .........0**

**Floriana ...............1**

Floriana, il-holders tal-FA Trophy, rebħu s-Super Cup għat-tieni darba fl-istorja tal-club meta għelbu liċ-champions Hibernians bl-iskor ta' 1-0.

Kienu Floriana li ħolqu l-ewwel periklu wara biss tliet minuti meta Juninho Cabral xeħet cross mil-lemin lejn Maurizio Vella li ra x-xutt fil-baxx tiegħu jiġi salvat mill-goalkeeper tal-Pawlisti, Andrew Hogg.

Hibernians irrispondew ħames minuti wara meta Johann Bezzina seraq ballun fi tliet kwarti ta' ground iżda tawwal wisq il-ballun biex falla ċans tad-deheb li jiftaħ l-iskor għat-team tiegħu.

Fis-37 minuta, Floriana skorjaw l-uniku goal tal-partita meta Juninho Cabral xeħet cross pinġut lejn MARIO FONTANELLA li permezz ta' daqqa ta' ras mill-viċin tefa' l-ballun fix-xibka.

Minuta biss wara, il-Greens kienu għoddhom irduppjaw meta xutt mid-distanza tal-captain Steve Pisani ġie mdawwar f'corner bi bravura mill goalkeeper ta' Hibernians, Andrew Hogg.

Fil-ftuħ tat-tieni taqsima Hibernians ħarġu iktar aggressivi fit-tentattiv li jġibu l-iskor indaqs meta fis-57 minuta Clayton Failla ndirizza free-kick insidjuż fil-kaxxa avversarja fejn Martin Kreuzriegler ra d-daqqa ta' ras tiegħu mill-viċin tiġi salvata minn Ini Etim Akpan.

Il-Pawlisti komplew jinsistu u fit-62 minuta, is-sostitut Jackson Lima xeħet cross preċiż lejn Jurgen Degabriele, li kellu r-rovexxjata spettakolari tiegħu mill viċin tintemm għoli.

Floriana wieġbu fit-72 minuta meta Maurizio Vella kkonkluda azzjoni tajba iżda x-xutt tiegħu ntemm barra.

Is-suffara finali ġabet magħha ferħ kbir min-naħa tal partitarji ta' Floriana għal dan l-unur mirbuħ fejn il-viċi-president tal-MFA, Ludovico Micallef, ippreżenta s-Super Cup lill-captain ta' Floriana, Steve Pisani u l-midalji lill-players taż-żewġ naħat.

**Hibernians:** 1-Andrew Hogg, 4-Dunstan Vella, 5-Martin Kreuzriegler, 6-Rui Da Gracia Gomes, 9-Marcelo Dias, 10-Jurgen Degabriele, 11-Bjorn Kristensen (31-Marco Sahanek 73), 13-Clayton Failla (23-Jorge Elias Dos Santos 81), 19-Johann Bezzina (7-Jackson Lima 61), 20-Andrei Agius, 22-Joseph Mbong - Coach: Mark Miller

**Floriana:** 12-Ini Etim Akpan, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg (26-Arthur Oyama 66), 10-Maurizio Vella (77 Leighton Grech 87), 11-Juninho Cabral, 22-Alex Cini, 30-Dylan Grima, 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina - Coach: Nicolas Chiesa

**Referee:** Fyodor Zammit

**Assistenti:** Luke Portelli, Thomas Debono

**Raba' Uffiċjal:** Paul Apap

**Skorer:** M. Fontanella 37 (F)

**Ammoniti:** E. Ruiz, E. Pepe, E. Marcelina (F), M. Dias (H)

**Attendenza:** 1,241



Il-formazzjoni inizjali ta' Hibernians



Il-formazzjoni inizjali ta' Floriana




Il-players ta' Floriana jiċċelebraw ir-rebħ tas-Super Cup


BOV




# Balzan

## jibqgħu jillidjaw ... segwiti minn Valletta

Wara li ntlagħbet is-16-il ġurnata tal-Kampjonat BOV Premier, jidher li t-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu se tkun bejn Balzan u Valletta hekk kif jidhru li qed jinqatgħu għalihom għalkemm Gzira United jistgħu jitqiesu bħala outsiders jew li jistgħu joħolqu xi forma ta' sorpriża.

Mill-aħħar tliet ħarġiet, kienu Valletta u Birkirkara biss li kisbu punti massimi li fihom ma sofrew l-ebda goal ... u filwaqt li l-Beltin skorjaw tliet goals, il-Karkariżi skorjaw disgħa.

Li ġej huwa r-rekord ta' kull team wara l-aħħar tliet logħbiet. In-numru fil-parentesi jindika l-pożizzjoni attwali fil-klassifika.

**Balzan (1)** - kisbu seba' punti meta spiċċaw fi draw kontra Naxxar L. (0-0) u għelbu lil St Andrew's (3-1) u Sliema W. (2-1).

**Birkirkara (6)** - irreġistraw tliet rebħiet fuq Floriana (2-0), Gzira U. (4-0) u Mosta (3-0) għal total ta' 9 punti.

**Floriana (4)** - sofrew żewġ telfiet kontra Birkirkara (2-0) u Hibernians (1-0) u għelbu lil Tarxien R. (2-0) biex ħadu 3 punti biss.

**Gzira U. (3)** - kisbu 6 punti meta rebħu lil Lija A. (3-2) u lil Tarxien R. (3-1) iżda tilfu kontra Birkirkara (4-0).

**Hamrun S. (7)** - irreġistraw 5 punti meta għelbu lil Tarxien R. (2-1) u temmew f'żewġ draws kontra Hibernians (0-0)u St Andrew's (1-1).

**Lija A. (14)** - ma ħadu l-ebda punt fejn sofrew tliet telfiet kontra Gzira U. (3-2), Mosta (5-1) u Senglea A. (2-0).

**Mosta (10)** - kisbu 3 punti meta għelbu lil Lija A. (5-1) iżda tilfu kontra Valletta (1-0) u Birkirkara (3-0).

**Naxxar L. (11)** - irreġistraw 2 punti meta spiċċaw f'żewġ draws kontra Balzan (1-1) u Sliema W. (0-0) iżda sfaw megħluba minn Valletta (1-0) .

**Senglea A. (9)** - rebħu żewġ logħbiet kontra Sliema W. (3-0) u Lija A. (2-0) iżda tilfu kontra Valletta (1-0) għal




Bojan Kaljevic (Balzan) jindirizza bir-ras lejn il-lasti ta' Sliema W.

ritratti: Christine Borg, Dominic Borg

total ta' 6 punti.

**Sliema W. (8)** - kisbu 1 punt wara li spiċċaw fi draw kontra Naxxar L. (1-1) iżda sfaw megħluba minn Senglea A. (3-0) u Balzan (2-1).

**St Andrew's (12)** - irreġistraw 4 punti hekk kif għelbu lil Hibernians (2-1), temmew fi draw kontra Hamrun S. (1-1) u tilfu kontra Balzan (3-1).

**Tarxien R. (13)** - ma kisbu l-ebda punt meta sofrew tliet telfiet kontra Hamrun S. (2-1), Floriana (2-0) u Gzira U. (3-1).

**Valletta (2)** - irreġistraw massimu ta' 9 punti bi tliet rebħiet identiċi ta' 1-0 fuq Mosta, Senglea A. u Naxxar L.









**Fuq - David Mansi (Mosta) jipprova jantiċipa lil Carlos Alberto (Birkirkara)**

**Fin-nofs - Peter Sammut (Senglea A.) jaħrab il-kustodja ta' Daniel Scerri (Lija A.)**

**Isfel - Juan Gill Cruz (Valletta) attakat minn Jean Diego Moser (Naxxar L.)**

Amadou Samb (Gżira U.) jaqbeż lil
Matthew Spiteri (Tarxien R.)



## II Round

**Logħba Nru 104 - 07.01.2018 - 14.00 hrs**
Tarxien Rainbows 0

Floriana 2
M. Fontanella 44, M. Vella 82
HT 0-1 **National Stadium**

**Tarxien R.** – 12-Antonio Chetcuti, 20-Antonio Mitrev, 5-Ebiabowei Baker, 8-Matthew Spiteri (14-Andrew Agius 79), 9-Matar Dieye, 10-Ayrton Azzopardi, 11-James Brincat, 16-Andrè Charles Scicluna, 21-Eduard Marian Calin, 22-Ricardo Silva Faria, 33-Sean Cipriott (99-Matteo Desira Buttigieg 77)
**Coach** – José Borg
**Floriana** – 24-Matthew Grech, 4-Sebastian Nayar (16-Bradley Sciberras 90), 5-Enrico Pepe, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg, 10-Maurizio Vella, 11-Juninho Cabral (77-Leighton Grech 77), 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama, 30-Dylan Grima, 89-Mario Fontanella (17-Jurgen Pisani 84)
**Coach** – Nicolas Chiesa
Referee – Jude Amin Utulu
Assistenti – Jurgen Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Philip Farrugia
Ammoniti – E. Baker, R. Silva Faria (TR); S. Nayar, M. Vella (F)

## II Round

**Logħba Nru 107 - 13.01.2018 - 14.00 hrs**
Gzira United 3
A. Samb 45 pen, 67, N. Muscat 83
Tarxien Rainbows 1
R. Silva Faria 30
HT 1-1 **Hibernians Stadium**

**Gzira U.** – 17-Justin Haber, 21-Roderick Briffa, 13-Clifford Gatt Baldacchino (6-Nikolai Muscat 70), 44-Antonio Orlando Machedo Neto, 16-Karl Pulo, 14-Mosises Avila Perez, 30-Edison David Bilbao Zarate, 10-Andrew Cohen (26-Sacha Borg 90), 11-Juan Corbolan, 77-Amadou Samb, 99-Haruna Garba (9-Luca Brincat 85)
**Coach** – Darren Abdilla
**Tarxien R.** – 12-Antonio Chetcuti, 3-Stefan Radovanovic, 14-Andrew Agius, 8-Matthew Spiteri (4-Mamadou Traore 85), 9-Matar Dieye, 10-Ayrton Azzopardi (11-James Brincat 75), 15-Luke Grech, 16-Andrè Charles Scicluna, 21-Eduard Marian Calin, 22-Ricardo Silva Faria (17-Arsenne Rye Cilia Mumford 89), 20-Antonio Mitrev
**Coach** – José Borg
Referee – Eman Grech
Assistenti – Duncan Sultana, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Ishmael Barbara
Ammoniti – A. Mitrev , M. Spiteri, E. M. Calin, R. Silva Faria (TR); A. O. Machedo Neto, A. Samb (GU)
Tkecca – A. Mitrev 82 (TR)

## II Round

**Logħba Nru 110 - 13.01.2018 - 16.00 hrs**
Naxxar Lions 0

Valletta 1
S. Malago 23
HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Naxxar L.** – -Christoph Nicht, 2-Rafael Santos Henriques Caetano, 3-Mailson Souza Duarte Junior, 7-Jean Diego Moser, 8-Ryan Grech, 9-Manolito Micallef, 11-Duane Bonnici, 15-Ryan Gilmour Cassar (10-Daren Falzon 65), 22-Matheus Verissimo Casarotto, 24-Elhadji Ousseynou Ndoye (23-Mark Fenech 84), 91-Yuri De Jesus Messias
**Coach** – Oliver Spiteri
**Valletta** – 1-Henry Bonello, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Juan Gill Cruz, 8-Santiago Malano, 9-Michael Mifsud (90-Romeu Pericles Romao 73), 16-Jean Borg, 18-Enmy Manuel Pena Beltre, 21-Denni Rocha dos Santos (24-Rowen Muscat 64), 27-Miguel Angel Alba (14-Kyrian Nwoko 82), 99-Albert Prosa
**Coach** – Danilo Doncic
Referee – Philip Farrugia
Assistenti – Jurgen Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Jude Amin Utulu
Ammoniti – R. Grech (NL)

## II Round

**Logħba Nru 105 - 07.01.2018 - 16.00 hrs**
Hibernians 0

Hamrun Spartans 0

**National Stadium**

**Hibernians** – 1 - Andrew Hogg, 4 - Dunstan Vella, 5 - Martin Kreuzriegler, 6 - Rui da Gracia Gomes, 7 - Jackson Lima, 9 - Marcelo Dias (2 - Timothy Tabone Desira 83), 11 - Bjorn Kristensen, 8 - Rodolfo Soares, 20 - Andrei Agius, 23 - Jorge Pereira da Silva (22 - Joseph Mbong 69), 31 - Joao Moreira (10 - Jurgen Degabriele 65)
**Coach** – Mark Miller
**Hamrun S.** – 1 - Steve Sultana, 5 - Tiago Souza da Silveira, 6 - Daniel Zerafa, 30 - Karl Micallef, 16 - Guilherme Felipe de Castro, 10 - Julian Galea, 19 - Davide Succi, 93 - Thiago Espindola de Paula, 7 - Triston Caruana, 4 - Dale Camilleri, 70 - Lydon Micallef (77 - Marco Criaco 78)
**Coach** – Jacques Scerri
Referee – Eman Grech
Assistenti – Mitchell Scerri, Roberto Vella
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – D. Camilleri, T. Souza da Silveira, T. Caruana (HS); J. Lima (H)

## II Round

**Logħba Nru 108 - 13.01.2018 - 14.00 hrs**
Hamrun Spartans 1
D. Succi 10
St. Andrew's 1
K. Reid 57
HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Hamrun S.** – 22-Jake Galea, 77-Marco Criaco, 6-Da-niel Zerafa, 30-Karl Micallef, 16-Guilherme Felipe De Castro, 10-Julian Galea, 19-Davide Succi, 93-Thiago Espindola De Paula, 8-Terence Agius (9-Alexander Nilsson 71), 4-Dale Camilleri, 70-Lydon Micallef (44-Jeremy Busuttil 87)
**Coach** – Jacques Scerri
**St. Andrew's** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Adrian Borg, 8-Misael Miranda Gomez, 9-Tano Azian (18-Alexander Satariano 90), 10-Marcus Grima, 11-Joseph Farrugia, 16-Matthew Gauci, 17-Jacob Walker (20-Ricardo Martin 73), 22-Tristan Grant, 23-Travis Blagrove, 25-Kemar Reid
**Coach** – Michael Woods
Referee – Etienne Mangion
Assistenti – Chris Francalanza, Sammy Attard
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – G. F. De Castro, J. Galea (HS), M. Miranda Gomez, T. Grant, R. Martin, M. Calleja Cremona (SA)

## II Round

**Logħba Nru 111 - 14.01.2018 - 14.00 hrs**
Mosta 0

Birkirkara 3
S. Dimitrov 39, B. Brito 56, J. Grech 60
HT 0-1 **National Stadium**

**Mosta** – -Andreas Vella, 7-Leonardo Henrique Ferreira, 14-Dexter Xuereb (8-Kyle Frendo 74), 33-Thomas Veronese, 11-Kurt Magro, 5-Davide Mansi, 22-Tyron Farrugia, 3-Jonas Rodriguez Ekani (77-Zac Brincat 73), 19-David Efanyi Nworah, 15-Ivan Maric (9-Jan Tanti 60), 10-Alex Wendel dos Santos
**Coach** – Johann Scicluna
**Birkirkara** – 26-Kristjan Naumovski, 2-Edward Herrera, 5-Fernando Barbosa, 8-Mislav Andelkovic, 10-Jake Grech, 3-Neil Micallef (25-Gianluca Zammit 10), 11-Kurt Zammit, 15-Nikola Vukanac, 17-Carlos Alberto Da Silva Goncalves Junior, 20-Srdjan Dimitrov (13-Zack Cassar 87), 30-Bruno Fernandez De Brito (23-Ayrton Attard 76)
**Coach** – Paul Zammit
Referee – Matthew Degabriele
Assistenti – Luke Portelli, Dusan Petrovic
Raba' Uff. – Eman Grech
Ammoniti – K. Zammit, S. Dimitrov, M. Andelkovic, E. Herrera (B); D. Xuereb, T. Veronese (M)



Matthew Gauci (St Andrew's)
segwit minn Marco Criaco (Hamrun S.)

## II Round

**Logħba Nru 106 - 12.01.2018 - 19.00 hrs**
Senglea Athletic 2
G. Virano 36, A. Caseres 87
Lija Athletic 0

HT 1-0 **Centenary Stadium**

**Senglea A.** – 1-Giulio Cetrangolo, 27-Steve Bonnici, 4-Jonathan Bondin, 13-Sergio Uyi, 19-Julian Leyton, 8-Matias Garzia, 2-Hubert Vella, 15-Gonzalo Nicolas Virano (5-Randal Vella 77), 10-Terence Vella, 9-Nicola Palmieri (21-Augusto Rene Caseres 57), 20-Peter Sammut (14-Jurgen Suda 88)
**Coach** – Paolo Favaretto
**Lija A.** – 1-Jonathan Martinelli, 19-Nigel Spiteri (17-Claudio Gerardo Celis Rios 61), 5-Patrick Borg, 6-Daniel Scerri, 4-Leon Muscat (8-Aaron Sammut 88), 13-Mc Allister Clinch, 21-Alain Rapha Kooh Sohna, 23-Aiden Galea (14-Juan Remberto Saavedra Campos 54), 20-Kei Hirose, 7-Erjon Beu, 9-Leejoe Schembri
**Coach** – Joseph Galea
Referee – Malcolm Spiteri
Assistenti – Edward Spiteri, Thomas Debono
Raba' Uff. – Stefan Pace
Ammoniti – A. Galea (LA); M. Clinch (SA)

## II Round

**Logħba Nru 109 - 13.01.2018 - 16.00 hrs**
Sliema Wanderers 1
M. Muchardi 90
Balzan 2
U. Ljubomirac 67, 89
HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 33-Stefano Bianciardi, 4-Matias Muchardi, 14-Frank Temile, 15-Nikolae Milincenau, 10-Gabriel Aquilina (13-Frenci Qeros 71), 16-Michele Sansone, 17-Peter Xuereb (3-Kurt Shaw 90), 6-Jonathan Pearson (11-Ashong Ni Nortey 30), 7-John Mintoff, 24-Goran Adamovic
**Coach** – John Buttigieg
**Balzan** – 1-Sean Mintoff, 11-Steve Bezzina, 17-Alfred Effiong (10-Siraj Eddin Arab 88), 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 18-Uros Ljubomirac, 20-Ivan Bozozvic (4-Justin Grioli 70), 86-Bojan Kaljevic, 8-Paul Fenech, 99-Milos Lepovic, 50-Bruno Giglio De Oliveira, 9-Alex Da Paixao Alves (15-Michael Johnson 89)
**Coach** – Marko Micovic
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Alan Camilleri, Paul Apap
Raba' Uff. – Darryl Agius
Ammoniti – M. Lepovic, A. Da Paixao Alves, J. Grioli (B)

## II Round

**Logħba Nru 112 - 14.01.2018 - 16.00 hrs**
Floriana 0

Hibernians 1
J. Pereira da Silva 75 pen
HT 0-0 **National Stadium**

**Floriana** – 12-Ini Etim Akpan, 4-Sebastian Nayar, 5-Enrico Pepe, 6-Enzo Ruiz, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg (17-Jurgen Pisani 41), 10-Maurizio Vella, 22-Alex Cini, 26-Arthur Oyama (77-Leighton Grech 76), 89-Mario Fontanella, 91-Emerson Marcelina
**Coach** – Nicolas Chiesa
**Hibernians** – 1-Andrew Hogg, 4-Dunstan Vella, 5-Martin Kreuzriegler, 6-Rui Da Gracia Gomes, 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 11-Bjorn Kristensen (21-Giorgi Gorozia 71), 17-Joao Moreira (10-Jurgen Degabriele 76), 20-Andrei Agius, 22-Joseph Essien Mbong, 23-Jorge Pereira da Silva (19-Johann Bezzina 87)
**Coach** – Mark Miller
Referee – Glen Tonna
Assistenti – Mitchell Scerri, Duncan Sultana
Raba' Uff. – William Debattista
Ammoniti – J. Mbong, R. Briffa (H), S. Pisani (F)

### KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Balzan | 16 | 11 | 4 | 1 | 28 | 12 | 37 |
| Valletta | 16 | 11 | 3 | 2 | 25 | 6 | 36 |
| Gzira U. | 16 | 10 | 3 | 3 | 35 | 22 | 33 |
| Floriana | 16 | 8 | 5 | 3 | 30 | 11 | 29 |
| Hibernians | 16 | 8 | 4 | 4 | 22 | 9 | 28 |
| Birkirkara | 16 | 9 | 1 | 6 | 24 | 16 | 28 |
| Hamrun S. | 16 | 7 | 4 | 5 | 24 | 16 | 25 |
| Sliema W. | 16 | 7 | 4 | 5 | 22 | 15 | 25 |
| Senglea A. | 16 | 5 | 3 | 8 | 17 | 20 | 18 |
| Mosta | 16 | 5 | 3 | 8 | 21 | 31 | 18 |
| Naxxar L. | 16 | 2 | 5 | 9 | 15 | 26 | 11 |
| St Andrew's | 16 | 3 | 2 | 11 | 15 | 35 | 11 |
| Tarxien R. | 16 | 3 | 1 | 12 | 16 | 42 | 10 |
| Lija A. | 16 | 1 | 2 | 13 | 17 | 50 | 5 |

# Taqtiegħa bejn tliet timijiet?



Qrendi v Zejtun C.

ritratt: Alan Saliba

**Kif jinsabu**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Qormi | 14 | 10 | 2 | 2 | 32 | 16 | 32 |
| Pietà H. | 14 | 10 | 0 | 4 | 34 | 16 | 30 |
| Mqabba | 14 | 9 | 1 | 4 | 30 | 15 | 28 |
| Żebbuġ R. | 14 | 6 | 6 | 2 | 23 | 15 | 24 |
| Vittoriosa S. | 14 | 7 | 3 | 4 | 26 | 19 | 24 |
| Sirens | 14 | 6 | 2 | 6 | 27 | 25 | 20 |
| Żejtun C. | 14 | 5 | 5 | 4 | 22 | 21 | 20 |
| Qrendi | 14 | 4 | 7 | 3 | 17 | 19 | 19 |
| San Ġwann | 14 | 3 | 6 | 5 | 20 | 24 | 15 |
| Pembroke A. | 14 | 6 | 5 | 3 | 25 | 14 | 13 |
| Melita | 14 | 3 | 2 | 9 | 13 | 28 | 11 |
| Marsa | 14 | 2 | 4 | 8 | 14 | 29 | 10 |
| Żabbar SP | 14 | 2 | 4 | 8 | 14 | 29 | 10 |
| Rabat A. | 14 | 1 | 1 | 12 | 13 | 40 | 4 |

*Pembroke A. tnaqqsulhom 10 punti

**08.12.2017**
**Victor Tedesco Stadium**
**Sirens v Pietà H. .................................. 2-3**
Lawrence Chiedozie 2, Jan Busuttil (PH); Christian Caruana, Aud-Gustine James Obaje (S)

**09.12.2017**
**Centenary Stadium**
**San Ġwann v Żebbuġ R. .................. 2-2**
Mario Andres Artieta Suarez, Kyle Gatt (SG); Larson Mallia, Arilson Mello da Silva (ZR)

**Qrendi v Pembroke A. ...................... 1-1**
Josuel Spiteri (Q); Jean Pierre Mifsud Triganza (PA)

**10.12.2017**
**Centenary Stadium**
**Marsa v Rabat A. .................................. 1-1**
Mark Camilleri (M); Aidan Azzopardi (RA)

**Vittoriosa S. v Melita ...................... 1-2**
Mark Russo, Luke Micallef (M); Obin na Obiefule (VS)

**Victor Tedesco Stadium**
**Żabbar SP v Mqabba ...................... 1-2**
Lyden Micallef 2 (M); Shalon Diacono (ZSP)

**Qormi v Żejtun C. .............................. 1-1**
Michael Camilleri (Q); Filippo Andrea Scozzese (ZC)

**15.12.2017**
**Centenary Stadium**
**Melita v Qrendi .................................. 1-1**
Dhonatan Santos da Hora (Q); Mark Russo (M)

**Victor Tedesco Stadium**
**Pembroke A. v San Ġwann........... 2-0**
Mead Mifsud, Owen Bugeja (PA)

**Pietà H. v Żabbar SP ...................... 3-1**
Lawrence Chiedozie, Quincy Bregman, Gabriel Mensah (PH); Kurt Cassar (ZSP)

**16.12.2017**
**Centenary Stadium**
**Qormi v Vittoriosa S. ...................... 1-2**
Jose Lucas Caetano da Silva (Q); Francisco Arriagada Mella, Obinna Obiefule (VS)

**Rabat A. v Sirens .............................. 1-2**
Christian Caruana, Darko Medic (S); Isaac Abela (RA)

**17.12.2017**
**Centenary Stadium**
**Żebbuġ R. v Marsa .......................... 5-0**
Alexander Kovacic, Arilson Mello da Silva, Kurt Zammit, Miguel Attard, Luke Gatt (ZR)

**Żejtun C. v Mqabba ........................ 1-5**
Tomislav Trebovic 2, Gianfranco Micallef, Michael Borg, Rennie Tanti (M); Yessous Camilleri (ZC)

**19.12.2017**
**Centenary Stadium**
**San Ġwann v Melita ........................ 1-1**
Andrew Abela (SG); Luke Micallef (M)

**Qrendi v Qormi ................................ *3-2**
José Lucas Caetano da Silva 2 (Qm); Dhonattan Santos da Hora, Aaron Agius, Petar Mrvic (Qd)
* Din il-partita ġiet posposta, fil-15-il minuta, wara li l-bażi tal-lasti nqala' minn postu. Il-partita tkompliet fl-10 ta' Jannar, 2018.

**Victor Tedesco Stadium**
**Żabbar SP v Rabat A. ...................... 1-0**
Kurt Borg (ZSP)

**20.12.2017**
**Centenary Stadium**
**Marsa v Pembroke A. ...................... 1-3**
Jean Pierre Mifsud Triganza 2, Igor Misan (PA)'; Jurgen Gerada (M)

**Vittoriosa S. v Żejtun C. .................. 2-1**
Jojo Ogunuppe 2 (VS); Andrea Scozzese (ZC)

**Victor Tedesco Stadium**
**Mqabba v Pietà H. .............................. 1-0**
Paul Chimezie (M)

**Sirens v Żebbuġ R. .......................... 1-1**
Francesco Gusman (ZR); Ryan Agius (S)

**05.01.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Żebbuġ R. v Żabbar SP.................. 3-1**
Larson Mallia, Luke Gatt, Arilson Mello da Silva (ZR); Shalon Diacono (ZSP)

**06.01.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Qormi v San Ġwann ........................ 2-1**
Michael Camilleri, José Lucas Caetano da Silva (Q); Godwin Henshaw (SG)

**Żejtun C. v Pietà H. .......................... 1-3**
Jan Busuttil, Neil Pace Cocks 2 (PH); Yessous Camilleri (ZC)

**07.01.2018**
**Centenary Stadium**
**Melita v Marsa .................................. 1-2**
Aidan Mizzi (Mlt); Marko Platisa 2 (Mrs)

**Rabat A. v Mqabba .......................... 0-3**
Gaetano Gesualdi, Paul Chimezie 2 (M)

**Victor Tedesco Stadium**
**Vittoriosa S. v Qrendi ...................... 0-1**
Dhonattan Santos da Hora (Q)

**Pembroke A. v Sirens ...................... 3-2**
Mark Anthony Borg o.g., Mead Mifsud (S); Jean Pierre Mifsud Triganza 2, Doding Priso (PA)

**12.01.2018**
**Victor Tedesco Stadium**
**Rabat A. v Pietà H ............................ 0-2**
Gabriel Mensah, Christian Degabriele (PH)

**13.01.2018**
**Centenary Stadium**
**Melita v Sirens.................................. 0-2**
Christian Caruana, Daniel Agius (S)

**Pembroke A. v Żabbar SP............. 3-0**
Igor Misan, Jean Pierre Mifsud Triganza, Doding Priso (PA)

**04.01.2018**
**Centenary Stadium**
**Qrendi v Żejtun C. .............................. 0-3**
Johan Alberto Castano 3 (ZC)

**Vittoriosa S. v San Ġwann............ 3-2**
JoJo Ogunuppe 2, Andrea Camilleri (VS); Godwin Henshaw 2 (SG)

**Victor Tedesco Stadium**
**Żebbuġ R. v Mqabba........................ 2-0**
Mauro Bonnici, Karl Cutajar (ZR)

**Qormi v Marsa .................................. 2-1**
José Lucas Caetano da Silva, Luke Busuttil (Q); Luka Mijic (M)

# Żewġ punti biss jifirdu lill-ewwel erba' timijiet



ritratt: Walter Sargent

St George's v Mgarr United

## Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Swieqi U. | 14 | 8 | 4 | 2 | 20 | 8 | 28 |
| Sta Lucia | 14 | 8 | 3 | 3 | 29 | 18 | 27 |
| Siggiewi | 14 | 7 | 6 | 1 | 25 | 14 | 27 |
| Gudja U. | 13 | 7 | 5 | 1 | 25 | 8 | 26 |
| Kalkara | 14 | 7 | 2 | 5 | 28 | 21 | 23 |
| Fgura U. | 14 | 5 | 6 | 3 | 26 | 20 | 21 |
| B'buga SP | 14 | 5 | 5 | 4 | 24 | 21 | 20 |
| Marsaxlokk | 13 | 5 | 4 | 4 | 24 | 16 | 19 |
| Mgarr U. | 14 | 4 | 6 | 4 | 24 | 34 | 18 |
| Luqa SA | 14 | 4 | 2 | 8 | 17 | 28 | 14 |
| Attard | 14 | 2 | 4 | 8 | 17 | 26 | 10 |
| St George's | 14 | 2 | 2 | 10 | 5 | 25 | 6 |
| Għargħur | 14 | 0 | 3 | 11 | 6 | 31 | 3 |

** Siggiewi ngħataw rebħa ta' 3-0 fuq St George's*

** Siggiewi ngħataw rebħa ta' 3-0 fuq Marsaxlokk*

**09.12.2017**
**Luxol Stadium**
**Sta Lucia v Kalkara ..............3-2**
Steve Meilak, Clint Zammit 2 (SL); Dylan Xuereb, Timmy Thomas (K)

**Għargħur v Siggiewi ............0-1**
Roderick Spiteri (S)

**10.12.2017**
**Luxol Stadium**
Luqa SA v Attard ........................2-1
Bledi Alla (A); Dylan Attard, Greg Marney (LSA)

**Mgarr U. v Birżebbuġa SP .2-2**
Chris Saliba, Lazar Doric (MU); Didier Sohna, Jean Claude Cassar (BSP)

**Sirens Stadium**
**Gudja U. v Swieqi U. ............1-0**
Adolphus Nagbe Marshall (GU)

**Marsaxlokk v St George's 6-0**
Trevor Cilia 2, Alan Tabone 3, Antoine Barbara (M)

**16.12.2017**
**Luxol Stadium**
**St George's v Mgarr U......... 1-1**
Daniel Vassallo (M); Glenn Brincat (SG)

**Swieqi U. v Marsaxlokk ..... 0-0**

**Sirens Stadium**
**Birżebbuġa SP v Luqa SA..2-2**
Didier Sohna, Ronnie Celeste (BSP);
Radnor Farrugia, Greg Marney (LSA)

**Attard v Għargħur................ 2-0**
Firas Aboulezz, Bledi Alla (A)

**17.12.2017**
**Luxol Stadium**
**Fgura U. v Gudja U................ 1-1**
Anthony Ewurum (GU); Thomas Grech (FU)

**Siggiewi v Sta Lucia ............ 1-1**
Ian Montanaro (sS); Kevin Camilleri (SL)

**06.01.2018**
**Luxol Stadium**
**Luqa SA v St George's ....... 2-0**
Jihad Azzagari, Radnor Farrugia (LSA)

**Sta Lucia v Attard ................. 1-1**
Kurt Zahra (A); Kurt Zahra (SL)

**07.01.2018**
**Luxol Stadium**
**Siggiewi v Kalkara................2-2**
Ian Montanaro, Shamison Farrugia (S); Leeroy Bonett, Simon Aquilina (K)

**Għargħur v Birżebbuġa SP1-2**
John Micallef, Keith Muscat (BSP); Eduardo da Lima Nicolau (Għ)

**Sirens Stadium**
**Mgarr U. v Swieqi U............ 0-0**

**Marsaxlokk v Fgura U......... 1-1**
Thomas Grech (FU); Pablo Doffo (M)

**13.01.2018**
**Luxol Stadium**
**Kalkara v Gudja U.................1-5**
Anthony Chimezie Ewurum 3, Christian Cassar, Firas Aboulezz (GU); Timothy Thomas (K)

**Fgura U. v Mgarr U. ..............4-3**
Lazar Doric 2, Joseph Paul Zammit (MU); Thomas Grech 2, Gilbert Martin, Justin Zammit (FU)

**Sirens Stadium**
**Attard v Siggiewi.................. 0-2**
Ian Montanaro 2 (S)

**Birżebbuġa SP v Sta Lucia2-3**
Sebastian Perdomo, Andre Joe Cutajar, John Nwoba (SL); Keith Muscat 2 (BSP)

**14.01.2018**
**Luxol Stadium**
**Swieqi U. v Luqa SA .............1-0**
Kyle Muscat (SU)

**St George's v Għargħur..... 0-0**

# Mellieħa u St Venera L. jillidjaw il-klassifika

ritratt: Roger Azzopardi



Għaxaq v Mdina Knights

### Kif jinsabu

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mellieħa | 12 | 9 | 2 | 1 | 28 | 4 | 29 |
| St Venera L. | 12 | 9 | 2 | 1 | 29 | 7 | 29 |
| Xgħajra T. | 12 | 7 | 3 | 2 | 23 | 11 | 24 |
| Kirkop U. | 12 | 6 | 3 | 3 | 18 | 13 | 21 |
| Mdina K. | 12 | 6 | 1 | 5 | 24 | 15 | 19 |
| Msida SJ | 12 | 6 | 1 | 5 | 19 | 18 | 19 |
| Għaxaq | 12 | 4 | 3 | 5 | 18 | 17 | 15 |
| Żurrieq | 12 | 4 | 2 | 6 | 11 | 15 | 14 |
| Dingli S. | 12 | 3 | 4 | 5 | 7 | 16 | 13 |
| Mtarfa | 12 | 3 | 1 | 8 | 10 | 23 | 10 |
| Marsaskala | 12 | 2 | 1 | 9 | 9 | 37 | 7 |
| Ta' Xbiex | 12 | 1 | 1 | 10 | 9 | 29 | 4 |

**09.12.2017**
**Charles Abela Stadium**
**Msida SJ v Dingli S. ................ 1-2**
Jonathan Mallia 2 o.g. (DS); Christian Farrugia (MSJ)

**Marsaskala v Għaxaq ............ 2-1**
Jonathan Bugeja, Nestor Luis Silva Canas (M); Christian Grixti (Għ)

**Sirens Stadium**
**St Venera L. v Xgħajra T. ...... 0-0**

**Mtarfa v Mellieħa .................... 1-5**
Bryan Bautista 3, Lincoln Micallef, Jean Scholey (Mel); Adam Wingfield (Mta)

**10.12.2017**
**Charles Abela Stadium**
**Ta' Xbiex v Żurrieq .................. 0-2**
Dylan Darmanin, Ryan Farrugia (Z)

**Kirkop Utd v Mdina K. ........... 3-1**
Dylan Mintoff (MK); Neil John Cutajar, Ayrton Buhagiar, Davide Mula (KU)

**16.12.2017**
**Charles Abela Stadium**
**Mellieħa v St Venera L. ........ 0-0**

**Xgħajra T. v Kirkop Utd.......... 1-1**
Michael Theuma (KU); Noel Tabone (XT)

**17.12.2017**
**Charles Abela Stadium**
**Għaxaq v Msida SJ .................. 2-2**
Mohammed Ibrahim Tarek, Christian Farrugia (MSJ); Dean Agius 2 (Għ)

**Mdina K. v Marsaskala ........... 6-2**
Matthew Gauci, Nestor Luis Silva Canas (M); áMatthew Grech 2, Stefi Cale 2, Julien Iwueke, Dylan Mintoff (MK)

**Sirens Stadium**
**Żurrieq v Mtarfa ....................... 2-1**
Gilbert Camilleri, Ryan Schembri (Z); Miguel Xerri (M)

**Dingli S. v Ta' Xbiex ................ 1-1**
Charlot Borg (TX); Kayne Said (DS)

**06.01.2018**
**Charles Abela Stadium**
**Mtarfa v Dingli S. .................... 0-0**

**Għaxaq v Mdina K. .................. 1-1**
Florin Anton (Għ); Dylan Mintoff (MK)

**Sirens Stadium**
**Kirkop Utd v Mellieħa ........... 1-1**
Karl Caruana (KU); Bryan Bautista Navarro (M)

**Msida SJ v Ta' Xbiex ................ 1-0**
Lydin Camilleri (MSJ)

**07.01.2018**
**Charles Abela Stadium**
**Marsaskala v Xgħajra T. ........ 1-5**
Royter Degiorgio 4, Gabriel Bonavia (XT); Jonathan Bugeja (M)

**St Venera L. v Żurrieq ........... 2-0**
Edward Wileman, William Camilleri (SVL)

**13.01.2018**
**Charles Abela Stadium**
**Kirkop Utd v Żurrieq ............... 2-0**
Michael Theuma 2 (KU)

**Mdina K. v Msida SJ ............... 2-1**
Steffe Cale, Samuel Bartolo (MK); Fabio Muscat (MSJ)

**14.01.2018**
**Charles Abela Stadium**
**St Venera L. v Dingli S. ........... 3-0**
Luca Bugeja, Yau-Mun Law, William Camilleri (SVL)

**Mtarfa v Ta' Xbiex ..................... 1-0**
Adam Wingfield (M)

**Sirens Stadium**
**Marsaskala v Mellieħa .......... 0-2**
Julian Vella, Bryan Bautista Navarro (Mħ)

**Għaxaq v Xgħajra T. ................ 1-0**
Florin Anton (Għ)

# Naxxar Lions

(wara) - Darren Falzon, Ameth Lo, Mano Micallef, Mark Fenech, Ryan Cassar, Angus Buhagiar
(quddiem) - Omar Borg, Mario Botta, Francesco Serafino, Joel Ellul, Duane Bonnici
(ritratti: Dominic Borg)



# Senglea Athletic

(wara) - Ivan Paz, Terence Vella, Ian Azzopardi, Steve Bonnici, Antonio Terracciano, Nicola Palmieri, Timmy Aquilina
(quddiem) - Hubert Vella, Beppe Muscat, Matias Garcia, Jonathan Bondin
(ritratti: Christine Borg)



# Tarxien Rainbows

(wara) - Luke Grech, Ricardo Silva Faria, Andrew Agius, Matteo Desira Buttigieg, Ebiabowe Baker
(quddiem) - Sean Cipriott, Eduardo Calin, James Brincat, Matthew Brincat, André Scicluna,



# Real Madrid Champions Tad-Dinja 2017




Real Madrid saru champions tad-dinja meta fil-finali tal-FIFA Club World Cup għelbu lil Gremio 1-0, b'goal ta' Cristiano Ronaldo (53)

# Matthew Asciak

## jirbaħ għall-ħames darba konsekuttiva




Matthew Asciak fl-azzjoni waqt il-finali

Matthew Asciak rebaħ il-Kampjonat BOV Masters tat-Tennis fejn dan is-suċċess kien il-ħames wieħed konsekuttiva għalih.

Il-kampjonat BOV Masters tat-Tennis, li ntlagħab fil-Marsa Sports Club, kien l-ewwel kampjonat tat-tennis għal din is-sena li kellu l-parteċipazzjoni tal-aqwa tmien tennisti tal-2017 tal-Malta Tennis Federation.

Dawn kienu maqsumin f'żewġ gruppi. Grupp A kien kompost minn Asciak, Mark Gatt, Miguel Galea u Matthew Cassar Torreggiai filwaqt li Grupp B kien kompost minn Dezil Agius, Omar Sudzuka, Matthew Griscti u Ben Farrugia.

Fl-istil dominanti li s-soltu naraw mingħandu, Asciak għeleb lil Omar Sudzuka 6-1 6-2 fil-finali biex rebaħ il-kampjonat mingħajr ma waqqa' sett u kkonferma lilu nnifsu bħala l-aqwa player tat-tennis ta' Malta.

Stefan Abela, mid-Dipartiment tal-Marketing tal-Bank of Valletta u David Farrugia Sacco, President tal-Malta Tennis Federation, ippreżentaw it-trofew tal-kampjonat lil Asciak.

"Filwaqt li l-Bank of Valletta huwa sinonimu mal-isports lokali, Matthew Asciak sar sinonimu ma' dan il-kampjonat, fejn rebaħ kull edizzjoni li ipparteċipa fiha mill-2010 meta ġie mniedi dan il-kampjonat," qal is-Sur Abela waqt li feraħ lil Asciak. "Is-sħubija tal-bank mal-Malta Tennis Federation tixhed l-impenn tal-BOV lejn il-komunità li fiha jopera."

"Il-BOV Masters huwa l-aħħar kampjonat ewlieni qabel l-impenji ta' Malta fit-Tazza Davis fil-Montenegro," qal is-Sur Farrugia Sacco filwaqt li rringrazzja lill-Bank of Valletta għall-appoġġ kontinwu tiegħu.

"Bħalissa t-tennis Malti qed jara ħafna żgħażagħ promettenti u dan qed jipproduċi riżultati pożittivi, speċjalment fix-xena internazzjonali."




Is-Segretarju Parlamentari, Julia Farrugia Portelli, waqt id-diskors tagħha

# Identity Malta qed taħdem mal-MFA bħala parti mir-"*Reaching Out Campaign*"

Clubs li jkollhom interess fil-players tal-football li ġejjin minn pajjiżi mhux fl-Unjoni Ewropea, qegħdin jibbenefikaw minn servizz offrut minn Identity Malta mill-bini tal-Malta Football Association, biex jinġieb single permit li permezz tiegħu sportiv ikun jista' jaħdem f'pajjiżna.

Dan qed isir biex ma jkunx hemm għalfejn li uffiċjali tal-clubs u players barranin iżuru l-Evans Building, fil-Belt Valletta minn fejn jiġi offrut servizz għall-ħaddiema kollha barranin li mhumiex ġejjin minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi, Julia Farrugia Portelli, u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat, Clifton Grima, żaru l-uffiċini tal-Malta Football Association fejn iltaqgħu mal-ħaddiema tal-MFA u ta' Identity Malta, kif ukoll ma' uffiċjali tal-clubs tal-football u players li kienu qed jużaw is-servizzi ta' Identity Malta.

"Dan is-servizz qed jingħata mill-binja tal-MFA, għax il-Gvern fehem il-bżonn ta' immedjatezza għall-clubs waqt l-istaġun li fih ikun miftuħ is-suq tat-trasferimenti," qalet is-Segretarju Parlamentari, Farrugia Portelli.

B'dan il-mod qed tiżdied l-effiċjenza mingħajr ma jonqos il-proċess ta' diliġenza neċessarju f'dawn il-każi. Is-Segretarju Parlamentari qalet ukoll li tinsab kburija li fl-ewwel mitt jum ressqet emenda għal-liġi biex tkun tista' tingħata ċ-ċittadinanza bil-mertu u tispera li din ma ddumx ma tintuża fil-qasam tal-isport.

Is-Sinjura Farrugia Portelli sostniet li b'kollox fl-2016, kien hemm 8,700 applikazzjoni għal single permit minn ħaddiema barranin filwaqt li fl-2017 din iċ-ċifra telgħet għal 14,220. Dan ifisser żieda ta' 62% f'sena u għalhekk il-ħaddiema ta' Identity Malta jixirqilhom kull ringrazzjament għax-xogħol li qed jagħmlu. Minbarra s-servizz ta' outreach fl-MFA, Identity Malta, qed tagħti wkoll servizzi anke f'Mater Dei u qed issir ħidma wkoll fil-qasam tal films, il manifattura, it turiżmu, il-gaming u l-edukazzjoni.

"Minkejja li l-footballers għandhom id-drittijiet kollha bħal kull ħaddiem ieħor, ir-realtà hija li minħabba r-regoli internazzjonali maħruġa mill-FIFA, ir-reġistrazzjoni ta' dawn il-persuni mal-MFA trid issir fi żmien stipulat.

"Għaldaqstant kien hemm il-bżonn li ssir ħidma kkordinata

bejn l-entitajiet tal-Gvern u l-MFA sabiex jiġi evitat dewmien fil-proċess tal-ħruġ tal-permessi ta' xogħol u residenza.

Din il-kollaborazzjoni, partikolarment il-preżenza tal-ħaddiema ta' Identity Malta fl-uffiċini tal-MFA, naqqset ħafna piż minn fuq l-amministraturi tal-clubs filwaqt li Identity Malta setgħet tipproċessa l-applikazzjonijiet f'perjodu ferm iqsar," stqarr is-Segretarju Parlamentari, Clifton Grima.

L-Avukat Grima sostna li l-qasam sportiv se jkompli jikber sostanzjalment matul is-sena 2018 u li l-gvern qed jaħdem fuq programm ambizzjuż għat-tkabbir tal-isport Malti.

"Il-Gvern qed jara li jsaħħaħ il-faċilitajiet sportivi għax jemmen li dan l-investimenti jgħolli l-livell tal-isport f'pajjiżna kif ukoll inkunu f'pożizzjoni li nilqgħu kampjonati sportivi flimkien ma' atleti u timijiet internazzjonali jikkompetu f'Malta u b'hekk naraw li nrawmu numru akbar ta' atleti u timijiet Maltin professjonali billi noħolqu iżjed opportunitajiet li jirriżultaw f'aktar suċċessi."

Il-president tal-Malta Football Association, Norman Darmanin Demajo, qal li din l-inizjattiva, li fisser bħala "game changer", hija riżultat ta' laqgħa li saret mal-Prim Ministru li ħa mill-ewwel azzjoni fuqha.

Is-Sur Darmanin Demajo qal li s-servizz li qed jingħata minn Identity Malta minn ġewwa l-bini tal-MFA, wassal għal sitwazzjoni ta' kważi one-stop shop u għalhekk japprezza li l-Gvern fehem l-urġenza li jkollhom il-clubs waqt il-perjodu tas-suq tat-trasferimenti tal-players fix-xhur ta' Jannar u ta' Awwissu.

Is-Sur Darmanin Demajo qal ukoll li permezz ta' taħditiet mal-clubs, issa jistgħu jsiru diskussjonijiet kif dan is-servizz jista' jitjieb.

Finalment, il-president tal-MFA faħħar ukoll it-tnaqqis tat-taxxa għall-isportivi, il-liġi tal-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll l-emenda fil-liġi li għaddiet biex tagħti ċ-ċittadinanza bil-mertu li qed jittama li tintuża wkoll fil-futur.



Is-Segretarju Parlamentari, Clifton Grima, waqt id-diskors tiegħu



Is-Segretarji Parlamentari jżuru l-istaff tal-MFA

Minn Joe Micallef (Segretarju Ġenerali Youth FA)

# Imniedi stħarriġ għan-nurseries - In-nurseries il-mistednin tal-President ta' Malta



Bħala parti minn pjan ta' tibdil firregolamenti u direzzjoni tal-Youth FA, nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2018, ġie mniedi stħarriġ obbligatorju għan-nurseries, biex mill-analiżi tiegħu, jibda proċess ta' tibdil li jkun indirizzat għall-viżjoni tal-Assoċjazzjoni u tan-nurseries għaż-żminijiet tal-lum.

Biex seta' jsir dan, ġie mwaqqaf grupp iffurmat minn membri tal-Kunsill tal-Youth FA, kif ukoll rappreżentanza mill-isteakholders ewlenin, in-nurseries, biex fil-laqgħat inizjali ħarġu diversi punti għad-diskussjoni li finalment ġew imfassla f'dan l-istħarriġ. Il-Kunsill tal-Youth FA, approva dan l-istħarriġ fil-laqgħa tiegħu, ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar.

In-nurseries qed ikunu obbligati li jaħdmu flimkien mal-"parent club" tagħhom il-mistoqsijiet biex finalmemt sal-aħħar ta' Frar u bidu ta' Marzu, il-Youth FA tħejji rapport u analiżi li tkun ippreżentata f'laqgħa li ser tissejjaħ għan-nurseries fejn jinħarġu u jiġu spjegati l-persentaġġi u l-kummenti li joħorġu minn dan l-istħarriġ. Minn hemm 'il quddiem ikun imiss li l-Youth FA u l-MFA flimkien u bl-approvazzjoni tal-Kunsill, jidħol fis-seħħ it-tibdil meħtieġ. L-għan tal-istħarriġ mhux indirizzat lejn kif ser tiġgwadanja n-nursery jew l-Assoċjazzjoni, iżda kif flimkien jista' joħroġ il-ġid għall-football in ġenerali f'dawn l-etajiet ġewwa pajjiżna.

L-istħarriġ huwa vast u mqassam fit-tmien punti kruċjali għan-nurseries biex ikun jista' joħroġ u jilħaq l-aspettattiva tiegħu. Fost is-sezzjonijiet diretti li ġew indirizzati hemm:

**Tagħrif ġenerali**

- **Ir-relazzjoni bejn in-nursery u l-parent club**
- **Is-saħħa u s-sigurtá fin-nurseries**
- **Ir-regoli u l-kompetizzjonijiet tal-Youth FA**
- **Il-filosofija teknika u amministrattiva tal-club**
- **Relazzjonijiet ma' terzi**
- **L-iskema ta' kumpens u s-sistema tal-parametri**
- **Kummenti u osservazzjoniet oħra.**

Biex tingħata aktar importanza lejn dan l-istħarriġ, il-President tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, ħeġġeġ, waqt l-aħħar laqgħa tal-kunsill lill-membri biex ikunu ta' support u jassiguraw li jagħtu l-input kollu meħtieġ flimkien man-nurseries, biex verament joħorġu riżultati li jkunu jirriflettu wkoll il-ħsibijiet mhux biss tan-nursery iżda wkoll tal-parent club li flimkien iridu jfasslu l-programm ta' strateġija min fuq s'isfel tal-club tagħhom.

L-aħħar stħarriġ li ħarġet il-Youth FA, imur lura għas sena 2002, fejn mir riżultati tiegħu, kienu twettqu diversi tibdiliet, biex l-Assoċjazzjoni u n-nurseries setgħu jibqgħu validi għaż-żminijiet. L-Assoċjazzjoni tawgura li l-ħin investit mill-grupp li ħaseb biex kien iffurmolat dan l-istħarriġ kif ukoll it-tweġibiet lura min-nurseries ma jkunx ta' xejn, iżda li b'mod gradwali jibda' jsir it-tibdil meħtieġ li huwa neċessarju biex aktar tfal u żgħażagħ jersqu lejn din il-logħba u jkollhom ukoll lura d-dinjitá meħtieġa maħruġa mill-istess regolamenti li jkunu jissalvagwardjaw il-partijiet kollha nvoluti.



Nhar il-Hamis 18 ta' Jannar 2018, in-nurseries kienu mistiedna mill- Ecc. Marie-Louise Coleiro Preca u sur Preca ġewwa l-Palazz ta' San Anton, għat tqassim ta' certifikati għas-sehem tagħhom fi ġbir ta' fondi għall-Istrina 2018. F'diskors tal-okkażjoni mill-Eċċelenża President, irrikonoxxiet l-impenn u d-dedikazzjoni ta' kull sena min-nurseries Maltin biex jinġabru fondi għal din il kawża tant ġusta. It-trawwiem ta' din il-kultura żgur li jibqgħu jġorruha magħhom dawn it-tfal u żgħażagħ anke meta jikbru, u kull parteċipant għandu għax ikun kburi li, kien ta s-sehem f'din il-kampanja. Wara li nhar, il-Hadd, 26 ta' Novembru 2017, il-Youth FA m'allokatx logħob tal-kampjonati fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu, bil-għan li aktar minn 1,000 tifel u tifla jipparteċipaw f'din l-attivitá annwali ta' football. Għal din is-sena inġabret is-somma sabiħa ta' €9,000 li ġiet preżentata, nhar is-26 ta' Diċembru waqt l-Istrina. In-nursery ta' Tarxien Rainbows kienet in-nursry li ġabret donazzjonijiet permezz ta' diversi attivitajiet, li organizzat matul dik il-gurnata. Is-Sinjorina Stephanie Rocco kienet ir-rappreżentanta f'isem il-Youth FA fil-grupp organizzativ. Apparti din l-attivitá, in-nurseries matul l-istaġun jagħtu s-sehem tagħhom f'diversi attivitajiet oħra biex jinġabru fondi għal kawżi ġusti. Huma hafna dawk in-nurseries li bħala parti mill-filosofija u l-impenn lejn il-Footbal Social Responsibility jagħtu appoġġ fil-komunitá.



# "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali

minn Maria Cremona




Għall-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2018, nhar l-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2017, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu organizzat attività divertenti għat-tfal parteċipanti tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"/ "Footballers Read and Write Programme". Din l-attività saret bħala inċentiv lill-istudenti biex jagħmlu ħilithom u bħala turija ta' apprezzament tax-xogħol siewi li qegħdin jagħmlu.

Il-ġurnata bdiet billi t-tfal mill-iskejjel primarji ta' Bormla, Birkirkara u Għajnsielem iltaqgħu filgħodu kmieni fis-Sala tal-Konferenzi ġewwa s-Centenary Stadium, f'Ta' Qali. Kienu kollha lebsin il-kit tal-programm ta' kulur differenti skond iċ-ċentru tagħhom bil-kitba "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja" fuq daharhom. Is-Sur Alfred Cachia ħa ħsieb li juri u jispjega fid-dettall iż-żoni kollha tal-istadium. Intwera wkoll dokumentarju interessanti dwar il-bidu tal-istorja tal-logħba tal-ballun minn żmien it-Tieni Gwerra Dinjija sal-lum. L-istorja kienet irrakkontata minn Fr Hilary Tagliaferro u kopriet l-esperjenza tiegħu minn meta kien għadu tifel sa ma kiber.

Matul din l-attività t-tfal kellhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' wieħed mill-protagonisti tal-istejjer li tant jaffaxxinahom waqt is-sessjonijiet tal-qari u l-kitba bil-Malti. Dan kien ħadd ħlief Żepp, il-kelb li huwa wkoll il-mascot uffiċjali tat-team nazzjonali Malti. It-tfal kienu wisq ħerqana li jiltaqgħu ma' dan il-kelb li serqilhom qalbhom u li qraw u semgħu tant dwaru.

Il-mawra ssoktat fil-kamra tal-intervisti sportivi fejn il-players jagħtu l-kummenti tagħhom wara l-logħob tal-Premier League u tan-nazzjonal.

Minn hemm kien imiss nidħlu fid-dressing room tat-team nazzjonali Malti. L-entużjażmu tat-tfal ma naqasx. Din il-kamra xehdet id-dixxiplina li jrid ikollok fil-logħba tal-ballun. Fiha raw ir-ritratti ta' kull player tan-nazzjonal u saħansitra l-kit li jilbes waqt il-logħob uffiċjali.

It-tfal bdew iħossuhom eċċitati ferm b'dak li kienu qed jaraw quddiem għajnejhom. Ħassewhom donnhom huma stess il-players li għada pitgħada għad jidħlu f'din il-kamra qabel xi logħba internazzjonali jirrappreżentaw lil pajjiżhom. L-eċċitament laħaq il-



qofol tiegħu meta t-tfal għaddew minn ġot-tunnel u ħarġu fil-ground fejn jintlagħbu l-partiti uffiċjali u logħob ieħor importanti mill-iskeda kalċistika.

Wara dawn il-mumenti sbieħ, it-tfal kellhom il-privileġġ li jżuru t-Trophies Lounge li għadu kif infetaħ għall-pubbliku f'dawn l-aħħar jiem.

Hemmhekk, il-parteċipanti ngħataw rigali tal-okkażjoni ġentilment mogħtija mill-Malta Football Association.

Ma setax jonqos li wara dan kollu, it-tfal stess rifsu fuq it-turf tal-grounds fejn isir it-taħriġ tat-team nazzjonali, din id-darba bħala players li qed jitrawmu f'dan l-isport. Ġew ifformati erba' timijiet fejn ntlagħbu xi logħbiet forma ta' tournament sabiex it-tfal ikomplu jidħlu iktar fl-atmosfera tal-ġurnata.

Fl-aħħar tal-ġurnata, it-tfal ingħataw ballun u ktieb relatat mal-football bħala tifkira mhux biss tal-okkażjoni iżda wkoll tal-programm "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja".

Hekk ġiet fi tmiemha din il-ġurnata memorabbli għal dawn iċ-ċkejknin li għandhom il-logħba tal-ballun f'qalbhom u qed ikomplu jżidu n-namra tagħhom għall-qari u l-kitba.





# Tiġi organizzata l-attivitá ta' premjazzjoni għas-sena 2017

Wara sena mill-aqwa għall-weightlifting Malti, nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Diċembru, ġie organizzat l-avveniment annwali tal-premjazzjoni għas-suċċessi milħuqa matul din is-sena.

Il-president tal-MWA, Jesmond Caruana, fetaħ din l-attivitá b'diskors li fih aċċenna l-kisbiet l-aktar memorabbli matul din is-sena kif ukoll il-miri għas-sena li ġejja.

Huwa semma' l-fatt eċċitanti li wara ħidma intensa, żewġ atleti rnexxielhom jikkwalifikaw għal-Logħob tal-Commonwealth li se jsiru din is-sena. Dan minbarra li ġew miksura total ta' 157 rekords nazzjonali li 72 waslu fuq pjattaformi internazzjonali kif ukoll midalja tad-deheb mirbuħa f'kompetizzjoni internazzjonali minbarra ħafna unuri oħra. Huwa tkellem ukoll dwar din is-sena li mistennija tkun waħda eċċitanti.

Uħud mill-atleti huma mistennija li jieħdu sehem fi tliet avvenimenti kbar differenti. Kif imsemmi qabel, hemm żewġ atleti li kkwalifikaw għal-Logħob tal-Commonwealth (Gold Coast, Awstralja), kwalifikazzjoni li għadha għaddejja għal-Logħob tal-Mediterran (Tarragona, Spanja) u l-Logħob Olimpiku taż-Żgħażagħ (Buenos Aires, Arġentina) fejn waħda mill-iżgħar atleti tal-MWA, Shelby Mangion Vassallo, qed tagħmel il-preparazzjoni meħtieġa.

Din l-attivitá kienet onorata bil-preżenza ta' mistednin distinti fosthom, il-president tal-Kumitat Olimpiku Malti (KOM), Julian Pace Bonello, is-segretarju generali tal-KOM, Joe Cassar, id-direttur tal-KOM, Mario Micallef, u l-president onorarju tal-MWA, Alfred Ellul Mercer.

L-ewwel premjijiet li ngħataw kienu għall-aħjar rizultati miksuba fil-kampjonati nazzjonali b'total ta' 36 trofew li kienu imqassma lid-diversi kategoriji.

L-ewwel unur li ġie ppreżentat matul iċ-ċerimonja kien għall-atleta ġdid li jkun spikka li mar għand Keith Azzopardi għal titjib impressjonanti ta' 35.23 punt fl-2017.

Michael Fava u Ryan Degiorgio ngħataw il-premju tal-Iktar Atleti Promettenti liema award ingħata għall-konsistenza tagħhom permezz ta' riżultati għoljin f'kompetizzjonijiet differenti.

Premju ieħor kien dak għall-Aktar Impenn li, kif spjega l-president Jesmond Caruana, ġie deċiż li jagħti lill-atleti li reġgħu bdew bil-qawwa kollha wara bosta injuries. Rodmar Pulis, li kellu jieqaf mill-isport minħabba injury fl-ispalla, fl-2016, waqt li kien qed jipprepara għall-Olimpjadi, issa wasal qrib l-aqwa riżultati tiegħu. Atleta oħra, Elisia Scicluna, ingħatat ukoll dan l-unur wara li rritornat bil-kbir wara li kellha intervent kirurġiku fl-irkoppa wara li sofriet injury kmieni fis-sena li għaddiet li swietha wkoll il-kwalifikazzjoni għal-Logħob tal-Commonwealth. Matthew Camilleri, ingħata l-unur tal-Inizjattiva wara li reġa' ta l-ħajja mill-ġdid liċ-Ċentru tal-MWA, fin-Naxxar, bl-aqwa mod. Min-naħa tiegħu, Kieran Mifsud ingħata l-premju ta' L-Aqwa Kisba ta' Rekords Nazzjonali, b'total inkredibbli ta' 49 wieħed.

Ingħataw ukoll premjijiet lill-atleti bbażati fuq ir-rankings tagħhom għal din is-sena. Fil-livell tal-istadju nazzjonali, il-premjijiet ingħataw lil Elisia Scicluna, Andy Grech, Matthew Camilleri, Vlad Baldacchino, kif ukoll Shelby Mangion Vassallo li spiċċat fl-ewwel post u ġiet ippreżentata bit-trofew fil-livell nazzjonali.

Fl-aħħarnett, it-titli tal-livell 'Master' fis-sezzjoni tal-kbar, ingħataw lil Kyle Micallef fit-tielet post, Kieran Mifsud fit-tieni u Yazmin Zammit Stevens li spiċċat fl-ewwel post.

Il-MWA tirringrazzja lil SportMalta u lill-Kumitat Olimiku Malti għas-sapport kontinwu tagħhom.




Yazmin Zammit Steven tirċievi l-Award mingħand is-segretarju ġenerali tal-KOM, Joe Cassar, wara li spiċċat fl-ewwel post fil-livell tal-Masters




Elisia Scicluna


Keith Azzopardi



Kieran Mifsud


Kyle Micallef


Matthew Camilleri


Michael Fava


Rodmar Pulis


Ryan Degiorgio


Shelby Mangion Vassallo

SNOOKER

SCOTTISH OPEN

# Rimonta inkredibbli tagħti t-titlu lil Neil Robertson




Neil Robertson ipproduċa rimonta inkredibbli biex dawwar żvantaġġ ta' 8-4 u għeleb lil Cao Yupeng 9-8 f'finali drammatika ta' li Scottish Open.

Dan huwa l-ewwel titlu ranking li rebaħ Robertson mir-Riga Masters 2016 li jarah jitla' fil-15-il post fir-rankings tad-dinja wara li kien niżel fl-20 wieħed wara l-UK Championship tal-ġimgħa l-oħra, iżda xorta se jfalli t-tournament tal-Masters tax-xahar id-dieħel.

It-telfa għal Cao, 27 sena, fl-ewwel finali ranking tiegħu ġiet bl-iktar mod eċċitanti. Madankollu in-numru 67 fir-rankings jista' jikkonsla mill-aqwa mixja tal-karriera tiegħu u l-fatt li għamel l-ewwel 147 professjonali tiegħu fl-ewwel round kontra Andrew Higginson.

Is-sessjoni ta' wara nofs in-nhar kienet ta' Cao li lagħab l-iktar snooker kalm hekk kif ħataf vantagg ta' 5-3. Izda kellha tkun lejla drammatika għall-aħħar fl-Emirates Arena.

Cao beda s-sessjoni b'mod trankwill fejn għamel tliet breaks ta' 72, 81 u 66 biex sal-mistrieħ mar 8-4 minn fuq u għalhekk kien frame biss bogħod mir-rebħa.

Meta rritornaw Robertson applika l-pressjoni b'kontribuzzjoni ta' 85 biex resaq 8-5 viċin Cao, li bit-titlu viċin ħafna, il-gravitá tas-sitwazzjoni bdiet tagħmel tagħha fuqu wara li reġa' kiseb it-Tour Card fil-Q School fl-2016. Huwa beda jfalli ċansijiet li fil-bidu tal-logħba beda jippottjahom.

Iż-żewġ players kellhom iċ-ċansijiet hekk kif it-tensjoni bdiet iżżid, iżda kien Robertson li ħa ż-żewġ frames ta' wara biex resaq viċin 8-7 qabel ma s-16-il frame kien wieħed inkredibbli.

Cao deher li se jirbaħ it-titlu billi jikklerja l-kuluri qabel ma falla roża dritta u wara kellu ċans ieħor fuq is-sewda finali, iżda falliha biex ippermetta lil Robertson jidħol fil-frame deċiżiv.

Ir-rebbieħ tat-Triple Crown ta' 35 sena wera karattru bi break ta' 59 meta kien taħt pressjoni estrema u eventwalment qasam il-linja tat-tmiem biex ħa t-titlu lejn id-dar.

Għal Robertson, li rebaħ £70,000 bħala premju, dan kien ir-raba' titlu li rebaħ fl-Iskozja wara l-Grand Prix 2006 u 2009 u l-World Open 2010.

Din il-ġimgħa kienet wirja rimarkabbli għall-bini tal-breaks hekk kif għamel 11-il century breaks biex laħaq it-total ta' Marco Fu meta rebaħ it-titlu s-sena l-oħra.

Iċ-champion tad-dinja tal-2010 qal: "Bdejt ninnota xi nervi u ansjetá fil-logħob tiegħu u jien kont aggressiv ħafna fil-frames ta' wara. Attakkajt bil qawwa biex inpoġġieh taħt pressjoni.

"Huwa ssuperani totalment għal ħafna mil-logħba. Sa 8-4 kienet waħda mill-aqwa wirjiet kontrija. Huwa ma kellux pressjoni għax ma kienx il-favorit u fil-bidu kont qed nistenna xi żbalji li għamel lejn it-tmiem.

"Huwa mod li ma jitwemminx kif temmejt is-sena. Il-forma tiegħi kienet qed titjieb u dan urejtu fil-logħbiet preċedenti fil-UK. Li ridt kien li nkompli biha. Ma niftakarx li kont involut f'ħafna finali bħal din fejn kelli nirkupra meta kont lura ħafna. Jien kont millimetri bogħod mit-telfa meta Cao xxejkja is-sewda.

"Kont nippreferi nirbaħ din u nikseb rebħa kbira milli nidħol imkaxkar fil-Masters u ma jkollix ċans nirbaħ. Issa nista' nistrieħ għal xi xahrejn wara li pprattikajt 200 pots fit-tul kuljum li huma theddida għalija. Meta jdejja jkunu fuq il-mejda mmur għaliha," temm jgħid Robertson.

Wara, l-iddemoralizzat Cao ammetta li fl-aħħar partijiet tal-logħba kien nervuż. "Ninsab xi ftit imdejjaq għax għamilt pressjoni fuqi nnifsi meta ġejt viċin li nirbaħ. Qalbi trid tkun xi ftit iktar b'saħħitha u dak li rrid nitgħallem minn Neil u mill-aqwa 16-il players. Huma ma jitilfux il-kontroll f'mumenti kbar tal-logħba," qal Cao, li rebaħ il-premju ta' £30,000, li huwa l-ikbar wieħed tal-karriera tiegħu, £20,000 għall-147 u £2,000 għall-ogħla break tat-tournament.

"Ma rridx naħseb ħafna fuqha. Ma kinitx ġurnata tajba. Kull ma ridt kien frame ieħor. Kont 8-4 minn fuq. Nittama li ma tkunx ħażina għall-kunfidenza tiegħi," tenna Cao.

Il-frames kollha żvolġew hekk:

Neil Robertson v Cao Yupeng 9-8 – 21-118 (82), 72-62 (Robertson 61, Cao 62), 0-96 (72), 29-75 (70), 68-34, 7-119 (66, 53), 37-72 (67), 115-18 (64, 50), 31-79 (72), 132-0 (132) 6-81 (81), 0-108 (66), 85-6 (85), 62-14, 73-30, 60-54, 77-16 (59).

Inkredibbli! Minkejja t-telfa t-totali tal-punti xaqleb lejn Cao li għadda lil Robertson b'7 punti, 882-875.

# Ronnie O'Sullivan jilħaq ir-rekords ta' Davis u Hendry

Ronnie O'Sullivan għeleb lil Shaun Murphy 10-5 fil-finali tal-UK Championship li ntlagħab f'York, l-Ingilterra, biex laħaq żewġ rekords ta' Steve Davis u Stephen Hendry li ilhom jeżistu żmien twil.

O'Sullivan qam għall-okkażjoni fit-tieni sessjoni ta' finali ta' kwalitá meta wara li kull player rebaħ frame biex l-iskor sar 5-5, huwa rebaħ ħamsa wara xulxin fil-ħin inkredibbli ta' siegħa biex ħa l-premju ta' £170,000.




Dan huwa s-sitt titlu li rebaħ tal-UK Championship li bih laħaq lil Davis u t-18-il rebħa tat-Triple Crown, rekord li Hendry ilu jgawdi mill-1999. Ma' dawn is-sitt rebħiet tal-UK huwa rebaħ il-Masters seba' darbiet u l-Kampjonat tad-Dinja ħames darbiet.

Meta, bla dubju, qed jilgħab l-iktar snooker konsistenti u impressjonanti tal-karriera tiegħu fl-etá ta' 42 sena, O'Sullivan rebaħ tliet titli ranking f'seba' ġimgħat tad-deheb li fihom rebaħ is-somma ta' £450,000.

F'Ottubru huwa rebaħ l-English Open u f'Novembru x-Shanghai Masters biex tella' it-total tat-titli għal 31, ħamsa biss inqas mir-rekord ta' Hendry.

Barra minn hekk huwa wasal sal-finali taċ-Champion of Champions iżda tilef kontra Murphy.

O'Sullivan tela' mir-raba' għat-tieni post fir-rankings wara Mark Selby li miegħu qasam l-aħħar sitt titli tat-Triple Crown.

Huwa wieħed mill-iktar players f'sik-kithom fiżikament u mentalment bl-għajuna tal-psikjatra Steve Peters li kien preżenti għall finali fejn deher ċar li għandu l-inċiżivitá, il-forma u l-motivazzjoni li jkompli jirbaħ l-unuri.

Murphy kellu ċans li jirbaħ it-tieni titlu tal-UK li huwa rebaħ fl-2008 waqt li dan l-istaġun tilef it-tielet titlu ranking għalkemm rebaħ iċ-Champion of Champions bil-player ta' 35 sena, rebbieħ ta' seba' tournaments ranking, jirbaħ £75,000 bħala finalista u jitla' fil-ħames post tar-rankings.

Wara li l-ewwel sessjoni għalqet 4-4 kien O'Sullivan li rebaħ l-ewwel frame tat-tieni sessjoni bi break ta' 75 iżda f'ta' wara Murphy għamel clearance ta' 80. Imbagħad O'Sullivan reġa' mar minn fuq b'104 u wara għamel 76 biex sal-mistrieħ kien 7-5 minn fuq.

Murphy kellu żewġ ċansijiet kmieni fit-13-il frame iżda wasal sa 18-il punt u O'Sullivan ikkastigah b'103, li kien l-10 century break tiegħu fit-tournament.

Anke fl-14-il frame Murphy mar fuq quddiem iżda weħel fuq 49 u O'Sullivan reġa' kkastigah bi clearance ta' 86 u għamel l-iskor 9-5 waqt li breaks ta' 59 u 49 fil-frame li kien imiss rah jissiġilla t-titlu.

"Ħriġt hemm barra u ppruvajt inkun professjonali u injorajt kif kont qed inħossni," qal O'Sullivan wara l logħba, li l-unika telfa fil-finali tal-UK kienet is-sena l-oħra kontra Selby.

"Fallejt ħafna boċċi fit-tournament u ma tistenniex li tirbaħ l-unuri jekk ma tkunx 70 jew 80 fil-mija tal-logħba tiegħek. Għalhekk jien daqsxejn sorpriż li din il-ġimgħa ħriġt minn fuq, iżda naċċettaha.

"Issa nistenna l-Masters tax-xahar id-dieħel (Jannar) li huwa avveniment kbir. Nittama li ngħolli l-logħba tiegħi u niddomina t-tournament milli ngħaddi bit-tqanżih," kompla O'Sullivan.

Meta mistoqsi kif se jonfoq ir-rebħ ta' dan l-aħħar O'Sullivan żied jgħid; "M'inix motivat bil-flus. Se ngħin lill-ħbieb u lill-familja tiegħi u forsi nitfa' minnhom f'fondazzjoni għal nies li għandhom bżonn għax li tagħti huwa pjaċir aħjar. Nieħu pjaċir bil-kuntentizza tiegħi u l-flus mhux se jagħtuk dan."

Min-naħa tiegħu Murphy qal: "Naħseb li rebaħ l-aħjar player. Meta tilgħab kontra Ronnie fi kwalunkwe logħba, il-logħba tiegħek trid tkun l-aqwa li possibbilment tista' tkun. Huwa l-aqwa player li qatt rajna u għal xi raġuni, sfortunatament illum, il-logħba tiegħi ma kinitx tajba biżżejjed.

"Li Ronnie għadu jirbaħ it-titli maġġuri u li jilħaq ir rekords waqt li qed jilgħab kontra avversarji li huma ħafna aħjar milli qatt kienu, din hija rixa fil-kappell tiegħu! Sakemm jibqa' jieħu pjaċir jilgħab ... kollha għandna l-pjaċir li narawh għal ħafna snin oħra."

Il-frames kollha ntrebħu hekk:

Ronnie O'Sullivan v S Murphy 10-5 – L-ewwel sessjoni: 0-124 (123), 83-39 (62), 108-9 (103), 62-76 (O'Sullivan 62), 72-18, 57-48, 27-70 (69), 57-60 (O'Sullivan 52, Murphy 52) - 4-4; It-tieni sessjoni: 75-1 (75), 32-84 (80), 104-0 (104), 84-0 (76), 103-18 (103), 86-49 (86), 108-0 (59) - 10-5.

minn Joe Bajada

# Kampjonat triangulari tal-atletika




Dan l-aħħar sar l-ewwel round tal-Kampjonat Triangulari tal-Atletika fil-faċilitajiet sportivi tal-gorund tal-iskola sekondarja Ninu Cremona fir-Rabat, Għawdex.

Dan il-Kampjonat Triangulari beda fl-2014 bil-kollaborazzjoni sħiħa bejn Savio AC, La Salle AC u l-club Għawdxi ta' Athletix AC. L-intenzjoni kienet waħda, dik li jinħoloq spazju għat-tfal taħt is-16-il sena biex jipprattikaw l-isport tal-atletika f'ambjent ikkontrollat imma xorta waħda b'togħma ta' kompetizzjoni. Dan il-kampjonat jiżvolgi fuq tliet rounds li jsiru fil-ground tal-Kulleġġ Ninu Cremona fir-Rabat, Għawdex, f'Savio College Ħad-Dingli u fil-Kulleġġ ta' De La Salle ġewwa Bormla.

Il-kampjonat inbena fuq spirtu ta' parteċipazzjoni, u dan jiġi rifless fir-regoli inklussivi anke għal tfal li mhux affiljati ma' clubs kif ukoll fil-programm li jiġi mfassal b'mod biex tfal Għawdxin ma jkunux iridu jibdew jivvjaġġaw minn kmieni biex ikunu fil-ħin għall-kompetizzjoni. It-tfal jiġu inkoraġġiti jagħmlu erba' dixxiplini: sprint, throw, jump u long run.

Matul dawn l-erba' snin li ilu jsir, il-Kampjonat Triangulari laqa' fih 'il fuq minn 130 atleta li ma jkunux għalqu s-16-il sena fejn b'mod regolari kull sena li issa sar parti ewlenija mill-kalendarju atletiku fil-Gżejjer Maltin. Dan l-aħħar ukoll, l-istess kampjonat infetaħ għal clubs oħra biex anke ż-żgħażagħ tagħhom ikunu jistgħu jipparteċipaw. F'kull programm it-timijiet jingħataw il-punti skond il-pjazzamenti tal-atleti tagħhom biex finalment toħroġ il-klassifika finali.

Ir-riżultati li nkisbu fl-ewwel ġurnata ta' dan il-Kampjonat Triangulari kienu dawn. Fl-ewwel sprint ħarġet rebbieħa Giulia Francesca Gafa ta' La Salle AC f'12.13s, Luke Buttigieg ta' La Salle AC ħareġ rebbieħ fit-tieni sprint f'ħin ta' 10.28s. It-tielet sprint intrebħet minn Leah Said f'9.83s, mentri f'iktar tlielaq tal-isprint ħarġu rebbieħa Zaac Cutajar Engerer ta' La Salle AC f'9.15s, Aurora Gafa ta' La Salle AC f'9.79s, filwaqt li Matthew Galea Soler ta' La Salle AC rebaħ it-tellieqa ta' wara f'8.57s.

Warajh ħarġu rebbieħa Elysa Scerri ta' Starmax AC f'8.353, Keith Demicoli ta' Savio AC f'8.39s, kif ukoll Alessia Cristina ta' Pembroke Athleta spiċċat ukoll fost ir-rebbieħa tat-tlielaq Sprint meta spiċċa l-ewwel f'ħin ta' 7.64s. L-aħħar żewġ tlielaq intrebħu minn Zack Mangani (Savio AC) f'7.59s, filwaqt li l-aħħar tellieqa tal-isprint intrebħet minn Elisa Cassar ta' Savio AC f'ħin ta' 8.18s.

Id-diversi Throws li saru ntrebħu minn Jaydee Zammit ta' Savio AC b'tefgħa ta' 12.5m, Guillermo Ganez ta' Athletix AC Gozo b'17m, Leah Said b'29m, Daniel Pawley ta' La Salle AC b'tefgħa ta' 23.5m, Aurora Gafa ta' La Salle AC b'11m, Geert Farrugia ta' Savio AC b'30m, Elysa Scerri ta' Starmax AC 25.5m, Greg Scerri ta' Starmax AC u Keelin Griscti ta' La Salle AC. Bl-istess tefgħat ta' 36m, Alessia Cristina ta' Pembroke Athleta b'23m u Michael Farrugia ta' Athletix AC Gozo b'tefgħa ta' 44m.

L-events tal-Jump intrebħu minn Mattea Zammit ta' Athletix AC Gozo b'qabża ta' 2.04m, Matthias Pawley (La Salle AC) 2.7m, Pheebe Portelli (Starmax AC) b'qabża ta' 3.03m, Zaac Cutajar Engerer ta' La Salle AC 3.45m, Aurora Gafa ta' La Salle AC b'qabża ta' 3.13m, Matthew Galea Soler ta' La Salle AC b'4.18m, Keira Farrugia ta' La Salle AC b'3.78m, Nicolai Bonello wkoll ta' La Salle AC b'qabża ta' 4.02m, Gabriella Grima tal-Athletix AC Gozo b'4.05m, Zack Mangani ta' Savio AC b'qabża ta' 4.78m u atleta oħra ta' Savio AC Elisa Cassar b'qabża ta' 3.53m.

Id-diversi events tal-Long Race spiċċaw intrebħu minn Giulia Francesca Gafa ta' La Salle AC 1'50"0, Luke Buttigieg ta' La Salle AC 1'30"0, Leah Said għamlet il-ġirja f'ħin ta' 2'15"0, Daniel Pawley b'2'12"0, Aurora Gafa b'3'28"0, Isaac Bonnici f'2'41"0, Keira Farrugia f'4'6"0, Gabriel Bonnici f'ħin ta' 3'26"0, kollha atleti ta' La Salle AC. It-tlielaq l-oħra ntrebħu minn Gabriella Grima ta' Athletix AC Gozo f'5'32"0, David Borg ukoll ta' Athletix AC Gozo f'4'25"0 u Elisa Cassar ta' Savio AC f'ħin ta' 5'8"0.

# Issir l-ewwel tiġrija tal-Gozo CC




Bħala parti mir-regolamenti li jobbligaw lill-clubs affiljati mal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu, it-team il-ġdid ta' Gozo Cycling Club organizza t-tellieqa tiegħu għall-ewwel darba fuq ir-rotta ta' bejn Qala u Xewkija. Fil-fatt dawn it-toroq kienu wżati għall-ewwel darba għat-tlielaq relatati tar-roti fil-gżira Għawdxija. Il-club Għawdxi għamel ħidma qawwija biex joħroġ bl-unuri kollha possibbli mil-lat organizzattiv.

Bi sponsor min-naħa ta' Ego Gozo, il-membri tal-Kumitat immexxija mill-president Adrian Farrugia u assistit mill-ħidma qawwija tal-membri John Galea, Donald Abela u Dominic Cutajar, huma kienu għall-atlezza fl-organizzazzjoni fejn konxji minn sigurtá assoluta taċ-ċiklisti huma ħadu ħsieb li jingħalqu t-toroq kollha li jagħtu għat-triq ewlenija fejn inżammu t-tlielaq diversi għal ċirkwit ta' seba' kilometri.

Apparti dan kollu huma pprovdew anke midalja lil kull parteċipant, kif ukoll offrew liċ-ċiklisti kollha 'goody bag' b'supplimenti ġo fihom, kif ukoll ħasbu li kulħadd jingħata xi ħaġa tal-ikel fi tmiem il-premjazzjonijiet. Dan kollu kien ta' stimolu ikbar biex iktar ċiklisti Maltin ikunu jistgħu jaqsmu l-fliegu biex jieħdu sehem.

L-ewwel tlielaq kienu riservati għat-tfal taħt it-12-il sena fejn għamlu nofs lap għal distanza ta' 4 km. Fil-kategorija tat-tfajliet ħarġet rebbieħa Justine Degiorgio (Mosta AF Sign Studio CC) f'ħin ta' 8:08 minuti, fil-waqt li Miguel Galea (Team Greens CC) f'ħin ta' 8:10 minuti rebaħ il-kategorija tas-subien. Warajh spiċċaw rispettivament Jaeken Gales (Mosta AF Sign Studio CC) f'8:13 u sieħbu Jonas Micallef f'8:24.

Il-kategorija tas-subien U/15 fuq 3 laps għal distanza ta' 21km intrebħet minn Sean Enriquez ta' Mosta AF Sign Studio CC f'ħin ta' 39:18.98. Żewġ ċiklisti oħra tal-istess club Mosti spiċċaw it-tieni u t-tielet rispettivament. Dawn kienu Matthew Galea Pirotta f'39:25.62 u Tristan Aquilina f'44:17.96.

Il-Kategorija tat-Tfajliet fuq distanza ta' 56Km (8 Laps) intrebħet minn Steph Alden ta' The Cyclist f'ħin ta' 1:44:50.23. Marie Claire Aquilina tat-Team Greens spiċċat it-tieni f'1:44:52.64 u Marion Pullicino ta' Mosta AF Sign Studio CC, temmet fit-tielet post f'ħin ta'1:50:08.03.

Il-kategorija tal-Masters 40+ fuq seba' laps intrebħet minn Ivan Zammit ta' B'Kara St.Joseph SC f'ħin ta' 1:26:08.81. Warajh spiċċaw Patrick Scicluna Mosta AF Sign Studio CC f'ħin ta' 1:26:10.35 u l-Għawdxi Dominic Cutajar ta' Gozo CC f'1:29:36.03.

Joseph Micallef ta' The Cyclist rebaħ il-Kategorija Masters 50+ fuq l-istess distanza f'ħin ta' 1:26:37.06. Il-kategorija tal-Elite kienet l-iktar waħda interessanti fuq distanza ta' 70km fejn hawn iddistingwew żewġ ċiklisti żgħażagħ Għawdxin li spiċċaw it-tielet u r-raba' pożizzjoni fost diversi ċiklisti stabbiliti Maltin. Christian Formosa ta' The Cyclist ħareġ rebbieħ f'ħin ta' 1:57:02.25. Għal postijiet ta' wara kien hemm sprint qawwija bejn tliet ċiklisti li spiċċaw fi spazju ferm strett ta' ċentimentri.

Etienne Bonello ta' Team Greens daħal it-tieni f'ħin ta' 1:57:06.60, segwit mill-Għawdxin ta' Gozo CC Brandon Sultana f'1:57:06.65 u Malcolm Farrugia f'ħin ta' 1:57:06.80. Ċiklisti oħra Għawdxin kienu żewġ debuttanti Andre Cordina u Anthony Busutil li spiċċaw fis-17 u t-18-il post rispettivament.

Wara t-tlielaq, iċ-ċiklisti rebbieħa kienu ppreżentati bil-midalji mill-Ministru għal Għawdex Dr. Justyne Caruana assistita mis-Segretarju Ġenerali tal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu Joe Bajada, mis-Sindku tax-Xewkija Paul Azzopardi, kif ukoll l-uffiċjali oħra tal-Gozo Cycling Club.

Il-Kumitat tal-Gozo Cycling Club jixtiequ jirringrazzjaw liċ-ċiklisti kollha li ħadu sehem, lill-Ministru għal Għawdex, lil Kunsill Lokali tax-Xewkija, Tà Randu Windmill, Marisa Cauchi Hili, Tal-Masser Winery u St. John's Pharmacy + Medical Center.

Minn James Azzopardi

meusac
Connecting citizens to the EU




# Naħdmu għal iktar integrità fl-Isport

Fid-dinja tal-isport, il-logħob maħdum jew imbagħbas huwa realtà sfortunata li tnawwar l-integrità tal-protagonisti u l-fiduċja tal-ispettaturi. In-nuqqas ta' integrità fl-isport itebba' wieħed mill-aktar aspetti importanti tiegħu.

It-tbagħbis fil-logħob mhux fenomenu ġdid u ġeneralment jolqot l-aktar sports popolari fid-dinja. Nistgħu insemmu l-iskandlu Britanniku tal-imħatri tal-1964, it-tbagħbis fiż-żona ta' relegazzjoni tal-Bundesliga fl-1971, it-Totonero tas-snin tmenin u Calciopoli fl-2006 fl-Italja, l-iskandlu riċenti fit-tiġrijiet taż-żwiemel fl-Awstralja u każijiet riċenti oħra fil-football lokali. Fiż-żminijiet tal-lum, l-avvanzi kbar fit-teknoloġija u fil-kommunikazzjoni jġibu magħhom opportunitajiet ġodda għal min ikun irid jimmanipula l-logħob.

Dan il-fatt ġie rikonoxxut f'dokument partikolari tal-Kummissjoni Ewropea li nħareġ fl-2012, li jittratta qafas Ewropew komprensiv għal-logħob tal-azzard onlajn. Fil-fatt, wieħed mill-ħames oqsma identifikati bħala prijoritajiet ewlenin fil-ħidma għal sport aktar nadif huwa appuntu "is-salvagwardja tal-integrità tal-isports u l-prevenzjoni tal-irranġar tal-partiti". Il-Kummissjoni stqarret li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati bi "sforzi konġunti u koordinati minn awtoritajiet pubbliċi, organizzazzjonijiet tal-isports u operaturi tal-logħob tal-azzard". Filwaqt li diġà jeżistu għadd ta' mekkaniżmi regolatorji u kif ukoll isiru diversi kampanji edukattivi, dawn l-aspetti hemm bżonn li jissaħħu u jiżiedu flimkien mal-koperazzjoni bejn il-partijiet interessati.

Is-suq tal-imħatri wkoll jista' jagħti lok għal prattiċi li jxekklu l-integrità. Meta affarijiet bħal dawn iseħħu, kemm l-Unjoni Ewropea (UE) u kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati għandhom ikunu jafu kif għandhom jaġixxu, u dan isir bl-aktar mod effiċjenti meta fil-pajjiżi jkun hemm entitajiet speċifiċi għal każijiet bħal dawn. Dan kien is-suġġett ta' studju li ġie ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2014 (Study on the sharing of information and reporting of suspicious sports betting activity in the EU 28).

Fost ħafna osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet, ir-rapport jinkludi li l-UE tista' tgħin biex jitnaqqsu l-barrieri prattiċi u legali bejn l-Istati Membri u fi




ħdanhom. Mod ta' kif titrawwem il-koperazzjoni f'dan il-qasam huwa permezz ta' proġetti finanzjati mill-UE. Eżempju tajjeb huwa dak tal-proġett imsemmi 'Protect Integrity'. Dan il-proġett huwa mmexxi minn EUAthletes u minnu ħarġet l-ewwel sistema tal-whistle-blowing fl-isports, immexxija appuntu minn atleti. Waqt il-proġett, l-atleti wettqu ħafna attivitajiet, fosthom sessjonijiet edukattivi għal atleti madwar l-Ewropa dwar l-integrità fl-isport.

Dan il-punt hu wieħed importanti ħafna, għaliex l-atleti huma l-aktar nies involuti f'din ir-realtà, u huma stess jistgħu jitkellmu dwar il-ħsara li tkun qed issir fl-isport. Matul is-snin kien hemm bosta atleti ta' integrità li tkellmu dwar dak li kienu qed jesperjenzaw. Fosthom insibu l-ex player, Taljan Simone Farina, li fl-2011 tkellem mal-pulizija dwar player ieħor li offrielu somma flus biex jaħdem logħba li kien se jkun involut fiha. Bl-azzjoni tiegħu, inkixfu ħafna iktar dettalji ta' tbagħbis fil-logħob fl-Italja, li kien jinvolvi wkoll players mill-ogħla diviżjonijiet Taljani. Minkejja l-mumenti diffiċli li għadda minnhom waqt dak il-perjodu, ir-rikonoxximenti lil Simone huma notevoli, hekk kif il-coach tat-team nazzjonali Taljan ta' dak iż-żmien, Cesare Prandelli, kien stiednu għal xi jiem biex jittrenja mal-players. Il-FIFA wkoll għarrfet l-importanza ta' dak li wettaq Simone, hekk kif minbarra premju, ingħata wkoll l-opportunità li jaħdem mal-FIFA f'dan il-qasam. Meta Simone rtira mil-logħba tal-football fl-2012, it-team Ingliż ta' Aston Villa offrielu li jkun Community Coach fi ħdan il-club.

L-UE tagħraf ukoll l-importanza tal-atleti biex tiġi indirizzata l-problema tat-tbagħbis fil-logħob. Bħala parti mill-isforzi tagħha f'dan il-qasam, tinvolvi diversi gruppi ta' atleti u esperti oħrajn. Dawn il-gruppi jiffurmaw parti mill-Pjan ta' Ħidma għall-Isport, li l-UE tadotta kull tliet snin. Wieħed minn dawn il-gruppi li ħadem fil-perjodu bejn l-2014 u l-2017 kien proprju dak dwar it-tbagħbis fil-logħob. F'rapporti u f'laqgħat li huma aċċessibbli għal kulħadd fuq il-websajt tas-settur sportiv tal-Kummissjoni Ewropea, dan il-grupp jisħaq dwar l-importanza tal-prevenzjoni u l-indentifikazzjoni tal-ħdim fil-logħob u kif ukoll is-sanzjonijiet.

Dawn ir-rapporti huma ta' interess partikolari minħabba l-fatt li fejn jistgħu, il-gruppi ta' esperti jiġbru l-informazzjoni minn diversi pajjiżi tal-UE u saħansitra jiktbu dwar soluzzjonijiet li jħaddnu dawn l-istess pajjiżi. Sabiex titkompla l-ħidma f'dan il-qasam, il-Pjan ta' Ħidma Għall-Isport 2017-2020 jinkludi wkoll grupp ta' esperti li qiegħed jiffoka appuntu fuq l-integrità fl-isport.

It-tbagħbis fil-logħob iweġġa' lil dawk kollha li jaħdmu u jikkontribwixxu biex is-sabiħ u l-benefiċċji tal-isport ma jittebbgħux. Għaldaqstant, aktar atleti u nies konċernati għandhom jiġu mgħallma iktar dwar l-integrità, biex b'hekk l-isport jiġbed aktar u aktar nies u mhux jitbiegħdu minnu.



Kampjonat 1963-64

# Freddie Mizzi jinforma lill-kumitat ta' Hibs li kien se jieqaf għall-istaġun

Id-Disa' Ġurnata

**01-02-1964:**
**Sliema Wdrs FC – Ħamrun Sp. FC 4-1**
**H.T 2-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw: R. Cocks (S) 14', R. Buttigieg (S) 40', L. Micallef (S) 59', R. Buttigieg (S) 60' u P. Buttigieg (Ħ) 88'.**

**Sliema Wdrs FC:** Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Robbie Buttigieg, Joe Cini, Edward Aquilina, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef.

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, Lolly Muscat, Joe Stanmore, George Jones, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb, Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Charles 'It-Topsy' Aquilina, Ċikku 'In-Nagħga' Xuereb.

1. Il-partita ntlagħbet fit-tajn u f'art tiżloq minħabba li niżlet ħafna xita siegħa qabel ma bdiet il-logħba.

**02-02-1964:**
**St. George's FC – Rabat FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: E. Mizzi (S) pen. 30' u L. Agius (R) 51'.**

**St. George's FC:** Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Joe Brincat, Freddie Demanuele, Ray Gauci, Edward Darmanin, Leli Sultana, Charles Pavia, Eddie 'Bagaga' Mizzi, Wally Hili (Frans Buttigieg 39') (Freddie Wilson 69'), Leli Micallef.

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Joe Grech, Norman Scott, Victor Azzopardi, Charles Nappa, George Tonna, Leslie Agius, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi (John Sapiano 69'), Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Zammit, Nenu Chircop.

1. Rabat fallew ir-rebħa meta fit-80 minuta ngħataw penalty għal hands inutli ta' Karmenu Frendo iżda mill-11-il metru Charles Zammit ra x-xutt tiegħu jiġi salvat mill-goalkeeper Nappa.

2. B'dan il-mod St. George's ġabru l-ewwel punt tagħhom f'dan il-kampjonat wara disa' logħbiet.

3. Sitt minuti qabel il-mistrieħ Wally Hili ta' St. George's FC telaq 'il barra. Ftit minuti wara Frans Buttigieg daħal minfloku.

4. Fid-69 minuta l-logħob dam wieqaf għal tliet minuti meta ż-żewġ naħat marru jagħmlu s-sostituzzjonijiet tagħhom u ż-żewġ players li suppost kellhom iħallu l-ground it-tnejn ma riedux joħorġu. Fil-fatt Freddie Wilson ta' St. George's telaq lejn id-dressing room meta ra li Buttigieg ma riedx iħalli l-ground u rritorna meta qalulu li Buttigieg kien ser joħroġ. Wara l-logħba s-segretarju ta' St. George's Louis Fsadni ppreċiża li kienu l-players li bagħtu lil Wilson lura għax ħasbu li ma setax jidħol minflok Buttigieg peress li dan kien daħal sostitut hu stess fl-ewwel taqsima. Fil-fatt il-kumitat bagħat lil Wilson lura fil-ground biex jidħol minflok Buttigieg. Min-naħa tiegħu Johnnie Azzopardi ta' Rabat ma riedx jinbidel u għadda ftit tal-ħin qabel sħabu kkonvinċewh biex joħroġ mill-ground. Fil-fatt Azzopardi ma lagħabx fit-tliet logħbiet ta' wara għax kien baqa' ħażin mal-kumitat Rabti.

**Ma sarx logħob, is-Sibt 8 ta' Frar, u, l-Ħadd 9 ta' Frar, minħabba l-Karnival.**

**15-02-1964:**
**Floriana FC – Melita FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Tommy Restall**
**Skurjaw: E. Azzopardi (F) 18' u P. Demanuele (F) 26'.**

**Floriana FC:** Nenu Fabri, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Aquilina, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**Melita FC:** George Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda, John 'Casey' Cassar, John Delia, Alfred Dymond, Charles Sultana, Frankie Bonello, Marcel Scicluna, Edwin Mifsud, Edgar Galea.

**16-02-1964:**
**Hibernians FC – Valletta FC 1-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Joseph Agius**
**Skurjaw: N. Buckle (H) 20' u A. Borg (V) 29'.**

**Hibernians FC:** Tony Borg, John 'Il-Ġemel' Privitera (Tony 'Il-Koku' Attard 70'), Salvu 'Karettuni' Gatt, Victor Grima, Sunny Anastasi, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Tony Griffiths, Freddie Delia, Michael Farrugia, Victor 'Il-Palun' Cassar, Norman Buckle.

**Valletta FC:** Tommy Taylor, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Charlie Williams, Joe Cilia, Johnnie Darmanin (Twanny 'Tal-Manager' Vassallo 46'), Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Josie Urpani (Charlie Zarb 80'), Tony Calleja, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

1. Wara t-telfa kontra Floriana fl-aħħar ħarġa, Hibernians kellhom xi players regolari nieqsa meta kienu mingħajr Louis Theobald u Leli Attard 'L-Għawdxi' filwaqt li l-goalkeeper Freddie Mizzi infurmahom li għal dan l-istaġun ma kienx ser jilgħab iktar u minfloku lagħab il-goalkeeper tal-Minors, Tony Borg. Fil-fatt it-tliet players – Freddie Mizzi, Leli Attard u Louis Theobald – li s'issa t-tlieta li huma kienu għadhom ma fallewx logħba ma' Hibernians, ma reġgħux lagħbu f'dan l-istaġun.

2. Minbarra l-goalkeeper Tony Borg, anke ż-żagħżugħ Michael Farrugia kien qed jiddebutta fl-Ewwel Diviżjoni. Ġurnata qabel, Tony Borg, Michael Farrugia u anke Norman Buckle kienu lagħbu mal-Minors ta' Fr. Hilary fir-rebħa ta' 4-1 fuq Sliema Wanderers. B'dik ir-rebħa Hibernians matematikament kienu rebħu

l-kampjonat tal-Minors għat-tielet sena konsekuttiva meta kienu kisbu ħames rebħiet u draw minn sitt logħbiet u ma setgħux jintlaħqu fil-quċċata.

3. Fit-30 minuta, Salvu Gatt deher jitlewwem ma' xi partitarji ta' Valletta wara xi tgħajjir li rċieva fejn kellha tidħol il-Puluzija biex iġġib l-ordni. Hibernians bidlulu l-pożizzjoni ma' Privitera biex ma jibqax is-side tal-Belt.

4. Bl-iskor għadu 0-0 Hibernians ipprotestaw meta xutt ta' Tony Griffiths ġie salvat b'miraklu mill-goalkeeper Tommy Taylor bil players Pawlisti jsostnu li l bal lun kien qabeż il-linja. Il-president ta' Hibernians, Carmelo Baluci, qal li l-players tiegħu qalulu li l-ballun kien skorra l-linja tal-goal b'xi pied u nofs.

5. Kemm Johnnie Privitera ta' Hibernians kif ukoll Josie Urpani ta' Valletta lagħbu meta l-preżenza tagħhom kienet fid-dubju. Privitera kellu xi differenzi mal-kumitat filwaqt li Urpani, erbat ijiem qabel, f'partita ta' ħbiberija li fiha t-team Malti kien għeleb Selezzjoni tal-Army 10-0, kien lewa siequ u nbidel ma' Charles Spiteri ta' Sliema. Il-partita tat-team Malti kienet saret bi preparazzjoni għal-logħba kontra Italja Serie C, tad-9 ta' Marzu.

6. Il-coach Belti Karm Borg, wara l-partita qal li ilhom madwar ħames snin ma jagħmlu partita ħażina daqs din.

7. Valletta niżlu għal-logħob bi flokkijiet irrigati ħomor u bojod (bħal tal-Atletico Madrid) minflok is-solitu flokk u qalziet abjad.

**Klassifika:**
Sliema Wdrs FC 16-il pt.; Valletta FC u Floriana FC 14-il pt.; Hibernians 12-il pt.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Melita FC u Rabat FC 4 pti.; St. George's FC 1 pt.

**L-Aqwa Skorers:** J. Urpani (Valletta FC) 9 goals; J. Mizzi (Ħamrun Sp. FC) 8 goals; T. Cauchi (Floriana FC); E. Aquilina u J. Cini (Sliema Wdrs FC) 7 goals; V. Cassar (Hibernians FC) u F. Borg (Valletta FC) 6 goals.

**L-Għaxar Ġurnata**
**22-02-1964:**
**Rabat FC – Ħamrun Sp. FC 3-1**
**H.T 1-1**
**Ref: George Busuttil**
**Skurjaw: J. Mizzi (H) 10', C. Zammit (R) 44' u 60' u L. Agius (R) 63'.**

**Rabat FC:** Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Charlie Ciantar, Frans Peplow, Charlie Nappa, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop, Charlie Zammit, Pawlu 'Il-Fulier' Said.

**Ħamrun Sp. FC:** Lino Mizzi, John Bondin, Lolly Muscat, George Jones, Martin Attard, John 'Il-Lolu' Zarb (John 'Il-Bipu' Mifsud 64'), Pawlu Buttigieg, Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Frans 'In-Nagħga' Xuereb, Charles 'It-Topsy' Aquilina.

1. Ħamrun kellhom lil Joe Stanmore nieqes minħabba li kien lewa l-għaksa filwaqt li Rabat kellhom nieqes lid di fensur Joe Grech li kien ma jiflaħx u ma ttrenjax fost il-ġimgħa. Huwa xorta mar l-Istadium għal-logħob iżda l-coach Alfie Pearson għażel li ma jilagħbux.

2. Player ieħor li kien nieqes mit-team Rabti kien Johnnie Azzopardi 'Iz-Zikizokk' li kien għadu miksur mal-kumitat wara li fl-aħħar ħarġa ma riedx joħroġ mill-ground meta ġie mibdul.

3. Fl-ewwel taqsima, bl-iskor 1-0 favur tagħhom, l-Ispartans kellhom xutt ta' Bertu Calleja li ġie salvat minn Norman Scott minn fuq il-linja. L-Ispartans ipprotestaw li l-ballun kien laħaq daħal fejn anke sostnew li l-linesman Joe Cassar Naudi għolla l-bandiera u ureġa' niżżilha.

4. Rabat laqtu l-mimduda minn Pawlu Said fis-70 minuta.

**23-02-1964:**
**Sliema Wdrs FC – St. George's FC 6-2**
**H.T 4-2**
**Ref: James Sawyer**
**Skurjaw: R. Buttigieg (Sl) 7' u 15', E. Mizzi (St. Geo) 20', J. Xuereb (Sl) 21', R. Cocks (Sl) 30', E. Mizzi (St. Geo) 42', J. Xuereb (Sl) 66' u R. Cocks (Sl) pen. 77'**

**Sliema Wdrs FC:** Freddie Debono, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Robbie Buttigieg, Joe 'Jockey' Xuereb, Joe Cini, George Micallef.

**St. George's FC.** Pawlu Nappa (Portelli 46'), Karmenu Frendo, Joe Brincat, Leli Micallef, Ray Gauci, Edward Darmanin, Leli Sultana, Charles Pavia, Eddie 'Bagaga' Mizzi, Harry Scicluna, Freddie Wilson.

1. Jumejn qabel din il-partita Sliema Wanderers infurmaw lill-players tagħhom li kienu ser jittieħdu passi dixiplinarji kontra dawk il-players tagħhom li jmorru mat-team magħżul tal-MAFA li kien ser jieħu sehem f'tournament fil-Libja bejn id-9 u d-19 ta' Marzu. Sliema kellhom seba' players li kienu magħżulin iżda peress li kienu biċ-ċans għar-rebħ tal-kampjonat ma riedux idgħajfu lit-team. Joe Xuereb 'Il-Jockey', li skorja f'din il-partita, kien mar xorta mal-MAFA jilgħab fil-Libja.

2. Ftit minuti qabel il-mistrieħ St. George's appellaw għall-penalty meta Eddie Mizzi ġie mbuttat fil-penalty area meta kien ser jiskorja. Ir-referee Sawyer warrab il-protesti Bormliżi u ħalla l logħob għaddej.

3. Iż-żagħżugħ Edward Aquilina kien nieqes mit-team minħabba li kien imweġġa'.

**29-02-1964:**
**Hibernians FC – Melita FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: V. Cassar (H) 37' u E. Mifsud (M) 70'.**
**Referee: Anthony Galea.**
**Linesmen: Charles Galea and Frans Grech.**

**Hibernians FC:** Tony Borg, Salvu 'Karettuni' Gatt, Michael Zammit, Victor Grima, Sunny Anastasi, Freddie Delia, Tony Griffiths, Victor 'Il-Palun' Cassar, Michael Farrugia, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Norman Buckle.

**Melita FC:** George Borg, Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda, John Bugeja, John Delia, Alfred Dymond, Charles Sultana, John 'Casey' Cassar, Marcel Scicluna, John Bonnett, Edwin Mifsud.

1. Biċ-ċans li jirbħu t-titlu jkunu remoti ħafna, Hibernians bdew jintroduċu diversi żagħżagħ bhal Tony Attard, Michael Zammit, Norman Buckle u Michael Farrugia li kollha kienu jilgħabu fit-team tal-Minors li riċentement kien rebaħ il-kampjonat taħt il-gwida ta' Fr. Hilary Tagliaferro.

2. Minbarra Freddie Mizzi, Louis Theobald u Leli Attard, Hibernians issa tilfu wkoll lil Johnnie Privitera li anke hu waqaf mill-football għal dan l-istaġun. B'differenza mill-players l-oħra Johnnie Privitera kien irritorna għal Hibernians fil-partiti tat-Trophy.

3. John Bonnett irritorna għal Melita wara li falla l-aħħar żewġ logħbiet għax kien imweġġa'.

4. Minn din il-ġimgħa l-partiti kienu qed jibdew fit-3.15 p.m – nofs siegħa aktar tard mis-soltu.




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Manchester United

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2018

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Manchester United ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 129



Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 129 huwa:
**N. Sciberras - Hamrun**

# Tisliba



### Soluzzjoni - Ħarġa nru 129

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| K | E | I | T | H | A | Z | Z | O | P | A | R | D | I |
| O | | A | | R | | A | | S | | I | | O | |
| H | E | C | K | I | N | G | B | O | T | T | O | M | |
| L | | H | | S | | R | | R | | O | | E | N |
| S | A | I | N | T | D | E | N | I | S | | | N | |
| C | | N | | O | | B | | O | R | A | N | G | E |
| H | E | I | N | | B | | C | | I | | | H | |
| R | | | A | | R | | H | O | S | S | E | I | N |
| E | S | P | I | R | I | T | O | | U | | | N | |
| I | | A | R | | N | | I | B | R | A | H | I | M |
| B | E | N | N | A | C | E | R | | A | | A | | E |
| E | | A | | | A | | U | L | T | E | V | I | S |
| R | O | M | A | | T | E | L | E | | | R | | S |
| | | A | L | L | | X | | G | E | R | E | M | I |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar 2018:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 129:
**B. Calleja - Mosta**

Created by Joseph Pisani - Papillon Services - Malta
Tel: 356 7906 8305 - E-Mail: pisanijoseph@gmail.com

**MIMDUDIN**

1) Iċ-champion Ewropew tal-Kickboxing Light-weight attwali (5,9)
8) Paul, ex-player u coach attwali Barnsley FC (13)
9) u 20) Jaager, difensur internazzjonali tal-Estonja (4)
10) Li Stadium nazzjonali tal-Football u Rugby fi Franza (5,5)
12) Il-laqam tas-supporters tal-Football tal-Olanda (6)
13) Vanhaezebrouck, coach attwali ta' RSC Anderlecht (4)
17) Vafaei, l-ewwel player professjonali ta' li Snooker fl-Iran (7)
18) Nuno ........ Santo, coach attwali ta' Wolves (8)
20) Ara 9 Mimdudin
21) Alma, goalkeeper internazzjonali tas-Sirja (7)
24) Ismael, midfielder ta' Empoli u tal-Alġerija (8)
25) Żiemel Svediż ta' 11-il sena (7)
27) "Associazione Sportiva .....", imwaqqfin fis-7 ta' Ġunju 1927 (4)
29) Santana, coach tal-Brażil 1980-1982 u 1985-86 (4)
31) "... Ages", club tan-Netball ibbażat f'Ħal Kirkop (3)
32) Sorele Njitap Fotso, 118-ilpartita u 13-il goal għal Kamerun (6)

**WEQFIN**

1) Philipp, player professjonali tas-Snooker Ġermaniż (13)
2) Giuseppe, coach attwali ta' US Sassuolo Calcio (7)
3) Stoichkov, leġġenda tal-Football fil-Bulgarija (6)
4) GNK Dinamo, club tal-football rinomat fil-Kroazja (6)
5) Ricardo, ex-difensur tal-Messiku bi 82 partita (6)
6) Garcia Reneses, l-aktar coach rebbieħ tal-Basketball fi Spanja (4)
7) Angelo, 134 partita u 50 goal għal Inter FC (10)
11) Sukanja, weightlifter femminili tat-Tajlandja (8)
14) County, club tal-Football fil-Highland League fi Skozja (5)
15) Joe, 103 partita u 6 goals għal Malta (7)
16) Huda, il-goalkeeper li miet waqt partita Football fl-Indoneżja (6)
19) Ikkwalifikaw għall-ewwel darba għat-Tazza tad-Dinja 2018 (6)
22) "Le .....", club tal-Football Franċiż imwaqqaf fl-1872 (5)
23) Lionel Andres "Leo" ..... Cuccittini (5)
26) "Dead ...", injury muskolari komuni fl-isport bejn skwadri (3)
28) u 30) Muscat, lagħab aktar minn 300 partita fil-Premier Malti (4)
30) Ara 28 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00
Sat 08.00 - 18.00
Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230
6 months €160
3 months €110
1 month €50
daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 40 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt